Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,177, 26 ta' April, 2019
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIV tal-2019

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363.

ACT No. XIV of 2019

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Local Councils Act, Cap. 363.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

26 ta' April, 2019

ATT Nru XIV tal-2019

Att biex ikompli jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 363.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali (Emenda Nru 2), u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Kunsilli Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Kunsilli Lokali jista' b'avviż fil-gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal għanijiet differenti jew għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tat-titolu prinċipali tal-Att prinċipali.

2. It-titolu prinċipali tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"ATT DWAR GVERN LOKALI".

Emenda tat-'Taqsim tal-Att' tal-Att prinċipali.

3. Taħt l-intestatura 'Skedi' fit-'Taqsim tal-Att' tal-Att prinċipali, minnufih wara "Il-Ħdax-il Skeda" għandhom jiżdiedu dawn li ġejjin:

"IT-TNAX-IL SKEDA	Protokoll għall-Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsillieri Lokali
IT-TLETTAX-IL SKEDA	Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti fil-Kunsilli Lokali
L-ERBATAX-IL SKEDA	Responsabbiltajiet tal-Kunsillieri".

Emenda tal-artikolu 1 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 1 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar Gvern Lokali.".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Assoċjazzjoni" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Assoċjazzjoni" tfisser l-Assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali rikonoxxuta bħala tali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(3);";

(b) minnufih wara t-tifsira "Awditur Ġenerali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Bord ta' Gvernanza" tfisser il-Bord ta' Gvernanza Lokali mwaqqaf permezz ta' regolamenti maħruġa mill-Ministru;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira ġdida "Bord ta' Gvernanza" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Dipartiment" tfisser id-Dipartiment responsabbli mill-monitoraġġ u sapport tal-Gvern Lokali;";

(d) it-tifsira "Direttur" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-Gvern Lokali;";

(e) minnufih wara t-tifsira "dokument ta' identifikazzjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Gvern Lokali" tinkludi kemm il-Kunsilli Reġjonali kif ukoll il-Kunsilli Lokali;";

(f) it-tifsira "Kunsill" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

""Kunsill Lokali" tfisser Kunsill Lokali mwaqqaf taħt dan l-Att;";

(g) minnufih wara t-tifsira "Kunsill Lokali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kunsill Reġjonali" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolamenti dwar il-Kunsilli Reġjonali;"; L.S.363.160

(h) it-tifsira "kunsillier" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

""kunsillier" tfisser membru elett għall-Kunsill Lokali taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;";

(i) minnufih wara t-tifsira "kunsillier" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

""kunsillier l-aktar anzjan" tfisser dak il-kunsillier li ilu jservi kontinwament fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit jew organizzazzjoni li fl-aħħar Elezzjoni Lokali eleġġew il-maġġoranza tal-kunsillieri;";

(j) minnufih wara t-tifsira "pjan ta' struttura" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "President" tfisser il-President tar-Repubblika;";

(k) it-tifsira "riżoluzzjoni" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "riżoluzzjoni" tfisser mozzjoni li ġiet diskussa u approvata waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali jew Reġjonali, u tkun ġiet hekk reġistrata fil-minuti tal-istess laqgħa;";

(l) it-tifsira "Segretarju Eżekuttiv" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Segretarju Eżekuttiv" tfisser il-persuna li tokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali skont dan l-Att;";

(m) it-tifsira "Sindku" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Sindku" tfisser is-Sindku ta' Kunsill Lokali elett skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;".

6. It-titolu tat-Taqsima II tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda tat-titolu tat-Taqsima II tal-Att prinċipali.

"Kostituzzjoni ta' Kunsilli Lokali".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu, minnufih wara l-kelma "Kunsill" għandha tiżdied il-kelma "Lokali";

(b) il-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Kunsill Lokali jista' jagħmel *public private partnerships* kemm mas-settur privat kif ukoll ma' għaqdiet mhux governattivi wara li jkun hemm l-approvazzjoni tad-Direttur li għandu jagħti l-approvazzjoni wara li jevalwa t-talba, u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi u tal-Ministru responsabbli għall-Gvern Lokali.";

(ċ) fis-subartikolu (2A) tiegħu, il-kliem "tal-Kunsilli Lokali" għandhom jiġu mħassra;

(d) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Kunsill Lokali li jkun qed jipproponi li jiffinanzja proġett b'self għandu jissottometti l-proposta tiegħu għall-approvazzjoni tal-Ministru.".

Żieda tal-artikoli 3A u 3B mal-Att prinċipali.

8. Minnufih wara l-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"Pjan ta' Ħidma.

3A. Mhux aktar tard minn tliet xhur mill-bidu tal-operat ta' leġiżlatura, trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill. Għal dan il-għan għandu jintbagħat invit f'kull residenza u l-laqgħa għandha ssir f'post adattat.

Kandidatura ta' persuni li jagħlqu sittax-il sena.

3B. Il-persuni li jagħlqu l-età ta' sittax-il sena jkollhom id-dritt li jikkontestaw l-elezzjoni tal-kunsill lokali:

Iżda jekk persuna li ta' bejn l-età ta' sittax-il sena u tmintax-il sena tkun eletta fil-Kunsill u ġġib l-akbar numru ta' għadd ta' voti mill-partit li jġib l-akbar numru ta' voti fl-ewwel għadd, din ma tistax tiġi dikjarata Sindku:

Iżda wkoll jekk in-numru ta' kunsillieri eletti bejn is-sittax-il sena u tmintax-il sena jkunu tali li ma jkun hemm l-ebda kunsillier ieħor 'il fuq minn tmintax-il sena li jista' jkun dikjarat Sindku, allura n-numru ta' kunsillieri jiżdied b'kunsillier għal kull partit rappreżentat f'dak il-Kunsill Lokali minn fost dawk il-kandidati tal-partit rispettiv li ma kinux eletti u li, fl-aħħar għadd tal-voti, ikunu ġabu l-akbar ammont ta' voti u li jkollhom aktar minn tmintax-il sena dakinhar tal-elezzjoni:

Iżda wkoll, jekk kemm-il darba ma jkunx hemm kandidati eliġibbli skont kif provdut fil-paragrafu preċedenti, il-post battal għandu jimtela bl-għażla ta' persuna minn dak l-istess partit jew partiti.".

9. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

"5. (1) Kull ċittadin ta' Malta li, wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar reġistru elettorali tal-Kunsilli Lokali rivedut, ikun għalaq jew ikun ser jagħlaq l-età ta' sittax-il sena sal-ġurnata u inkluża dik il-ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha għandha ssir l-elezzjoni tal-2015 'il quddiem ta' Kunsilli Lokali u li ma jkunx instab ħati ta' xi reat li għandu x'jaqsam mal-elezzjoni ta' membri ta' Kunsill Lokali jkollu l-jedd jivvota fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

(2) Kull persuna li tkun ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li, wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea rivedut, u kull persuna ta' nazzjonalità tar-Renju Unit, li tkun għalqet jew tkun ser tagħlaq l-età ta' sittax-il sena u li ma tkunx instabet ħatja ta' xi reat konness mal-elezzjoni ta' membri tal-Kunsilli Lokali għandu jkollha jedd tivvota fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.".

10. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu qabel il-proviso għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-elezzjonijiet ta' kunsillieri jsiru kull ħames snin bil-mezz tas-sistema tar-rappreżentanza proporzjonali bl-użu ta' vot wieħed trasferibbli, u dan kemm bil-mezz ta' votazzjoni manwali kif ukoll b'mezz elettroniku:";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu qabel il-proviso għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Jekk ebda kandidat ma jkun nominat biex

jikkontesta l-elezzjoni għall-Kunsill Lokali skont it-Tielet Skeda, il-Ministru għandu jaħtar Kumitat ta' Tmexxija ippresedut mill-President tal-Assoċjazzjoni jew rappreżentant tiegħu, li għandu jaqdi dawk id-dmirijiet kollha li jkunu fil-kompetenza tal-Kunsill sakemm ikun elett Kunsill ġdid:"; u

(ċ) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) L-elezzjonijiet għandhom isiru fl-istess data tal-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

(7) Il-kunsillieri li l-mandat tagħhom jiskadi fil-31 ta' Mejju 2019 ikollhom il-mandat tagħhom estiż sat-30 ta' Ġunju 2019, u l-kunsillieri eletti fl-elezzjoni tal-25 ta' Mejju 2019 jassumu l-kariga ta' kunsillieri fl-1 ta' Lulju 2019.".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) tkun persuna impjegata mal-Kunsill li għalih ikunu se jsiru l-elezzjonijiet jew Segretarju Eżekuttiv f'xi wieħed mill-Kunsilli Lokali jew Kunsilli Reġjonali;"; u

(b) il-proviso minnufih wara l-paragrafu (j) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda ebda kunsillier ma għandu jibqa' fil-kariga jekk f'xi waqt matul il-kariga tiegħu huwa jiġi elett jew magħżul bħala membru ta' Kunsill Lokali ieħor jew ta' xi istituzzjoni simili ta' stat membru ieħor:"; u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll fil-każ ta' xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, għandu jiġi infurmat il-Ministru li jiddikjara l-kariga bħala vakanti.".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

12. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Membru tal-Kunsill Lokali jista' f'kull żmien jirriżenja mill-kariga tiegħu fil-Kunsill Lokali b'avviż bil-miktub iffirmat minnu u mwassal lis-Segretarju Eżekuttiv u r-riżenja tiegħu tibda sseħħ mid-data li fiha s-Segretarju Eżekuttiv ikun irċieva l-avviż, liema data għandha tiġi minnufih reġistrata mis-Segretarju Eżekuttiv, u l-kariga tiegħu ssir vakanti minn dik id-

data. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħti riċevuta reġistrata li jkun fiha d-data u l-ħin tar-riżenja, u għandu wkoll jinforma minnufih lill-kunsillieri kollha u lid-Direttur.".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

13. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) il-kelma "indirett" tinkludi kull interess pekunjarju li kunsillier jista' jkollu permezz ta' martu jew żewġha, konjuġi fiż-żwieġ, sieħeb jew sieħba f'unjoni ċivili, tal-ulied, ġenituri, persuni li għandhom jew kellhom ulied bejniethom, aħwa jew permezz ta' xi kumpannija (li ma tkunx kumpannija pubblika) li hu jew wieħed jew uħud mill-oħrajn imsemmija jkollhom sehem minnha jew permezz ta' xi kumpanija li hu jew wieħed jew uħud mill-oħrajn ikunu diretturi tagħha.".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

14. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, relazzjoni familjari rilevanti titqies li teżisti bejn kunsillier u uffiċjal jew kandidat jekk ikunu miżżewġin, sieħeb u sieħba f'unjoni ċivili jew jekk l-uffiċjal jew il-kandidat, jew żewġ jew mart l-uffiċjal jew il-kandidat, ikunu -

(a) ġenituri;

(b) nanniet;

(ċ) ulied l-ulied;

(d) ulied;

(e) aħwa;

(f) zijiet;

(g) neputijiet; jew

(h) prim kuġin,

tal-kunsillieri jew ta' żewġ jew mart, sieħeb jew sieħba f'unjoni ċivili tal-kunsillieri.".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

15. L-artikolu 22 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) rapport tal-Awditur Ġenerali għal ksur persistenti ta' responsabbiltajiet finanzjarji, u wara li jkun ingħata avviż formali mill-Ministru; jew";

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) nuqqas kontinwu ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fuq rapport tal-Bord ta' Gvernanza u wara li jkun ingħata avviż formali mill-Ministru; jew"; u

(ċ) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) rakkomandazzjoni f'dak is-sens f'rapport minn bord maħtur taħt l-Att dwar l-Inkjesti lill-Ministru.".

Kap. 273.

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Max-xoljiment tal-Kunsill skont l-artikolu 22, jew jekk il-kunsillieri eletti kollha jirriżenjaw u ebda kunsillieri oħra ma jistgħu jkunu eletti skont it-Tielet Skeda jew jekk il-Kunsill ma jkunx jista' jiffunzjona għal xi raġuni, il-Kummissjoni Elettorali għandha, fi żmien tletin jum, tagħmel elezzjoni għal Kunsill ġdid:

Iżda ma ssir ebda elezzjoni jekk iż-żmien tal-ħatra li jkun fadal tal-Kunsill xolt ikun inqas minn sitt xhur."; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-Ministru għandu jaħtar fi żmien ħmistax-il jum mix-xoljiment tal-Kunsill, Kumitat ta' Tmexxija taħt il-presidenza tal-President tal-Assoċjazzjoni jew rappreżentant tiegħu li għandu jaqdi dawk id-dmirijiet kollha fil-kompetenza tal-Kunsill sakemm ikun elett Kunsill ġdid:

Iżda sakemm jinħatar Kumitat ta' Tmexxija, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jaqdi dawk id-dmirijiet kollha fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali.".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

17. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali l-kelma "Bord" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "il-Bord ta' Gvernanza".

Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "il-maġġoronza assoluta ta' kunsillieri ta' dak il-Kunsill" għandhom jiżdiedu l-kliem "u li jkollu 'l fuq minn tmintax-il sena";

(b) fl-ewwel proviso tas-subartikolu (1A) tiegħu l-kliem "fl-età" għandhom jitħassru;

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu minnufih wara l-kliem "huwa jirrifjuta" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ma jagħtix tweġiba fi żmien ġimgħa";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu minnufih wara l-kliem "qasam speċifiku" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif imsemmi fl-Erbatax-il Skeda"; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (5) għandu jiżdied is-subartikolu (6) ġdid kif ġej:

"(6) Fl-eventwalità li tinħoloq ċirkostanza fejn il-postijiet ta' Sindku u Viċi Sindku jiġu vakati, il-laqgħa sussegwenti li fiha għandhom isiru l-elezzjonijiet għas-Sindku u għall-Viċi Sindku għandha tiġi msejħa mill-kunsillier l-aktar anzjan, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) japplikaw *mutatis mutandis*.".

Żieda tal-artikolu 25A ġdid mal-Att prinċipali.

19. Minnufih wara l-artikolu 25 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 25A ġdid li ġej:

"Persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena mhux eliġibbli għall-kariga ta' Sindku.

25A. (1) Persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena li tkun eletta kunsillier u li tkun ġabet l-akbar ammont ta' voti minn fost il-kandidati tal-partit li jkun ġab l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel għadd ma tiġix dikjarata Sindku:

Iżda jekk tinħoloq vakanza fil-kariga ta' Sindku, u l-persuna li kienet eliġibbli għal din il-kariga meta kienet ġiet eletta kunsillier kienet għadha ma għalqitx l-età ta' tmintax-il sena u għalhekk ma kinitx ġiet eletta Sindku, iżda fil-mument li tinqala' l-vakanza tkun għalqet l-età ta' tmintax-il sena, għandha, jekk tkun trid li taċċetta l-kariga, tiġi dikjarata Sindku filwaqt li jekk ma tkunx trid li taċċetta l-kariga għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) japplikaw *mutatis mutandis* f'każ li tinħoloq vakanza fil-kariga ta' Viċi Sindku.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 29A tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 29A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"29A. Is-Sindku, jew mill-inqas terz tal-kunsillieri, ikollhom id-dritt li jitolbu li tissejjaħ laqgħa b'urġenza. Il-laqgħa b'urġenza għandha tittratta biss il-materja urġenti li għaliha tkun issejħet u xejn iżjed. Il-laqgħa sussegwenti xorta għandha tinżamm fl-istess ġurnata li tkun ġiet iffissata fl-aħħar laqgħa regolari. Is-Segretarju Eżekuttiv ikun obbligat li jsejjaħ il-laqgħa b'urġenza sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn meta ssir it-talba, u jiġu adottati l-proċeduri kollha applikabbli għal-laqgħat tal-kunsill lokali, inkluż il-ħin li fih għandha ssir il-laqgħa:

Iżda meta kunsillier jitlob li ssir laqgħa b'urġenza, huwa jkun obbligat jindika x'inhi n-natura tal-urġenza u għaliex il-materja inkwistjoni ma tistax tistenna li titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li tkun tmiss skont l-andament ordinarju tal-laqgħat. Id-deċiżjoni dwar jekk it-talba biex tinżamm laqgħa b'urġenza għandhiex tiġi milqugħa għandha tittieħed mis-Sindku u dan skont linji gwidi maħruġa mid-Direttur wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali.

21. L-artikolu 30 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"30. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lid-Direttur u lill-Ministru bil-vot ta' sfiduċja mgħoddi skont l-artikolu 29.".

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

22. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Meta għall-iskopijiet tas-subartikolu (1) il-Viċi Sindku ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet ta' Sindku, tkun xi tkun ir-raġuni, għandu jaqdi dik il-funzjoni l-kunsillier l-iktar anzjan b'dan illi huwa għandu jagħti l-aċċettazzjoni tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn meta tavvera ruħha ċ-ċirkostanza msemmija f'dan is-subartikolu, u f'każ li dan ma jseħħx, il-Ministru jkollu l-fakultà li jaħtar membru mill-Assoċjazzjoni sabiex ikun jista' jmexxi l-laqgħat.".

23. L-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"*Allowances* lill-Kunsilliera u Onorarja lis-Sindku."; u

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Kunsill għandu jħallas onorarja lis-Sindku tal-lokalità tiegħu kif ġej:

(a) fil-lokalitajiet li għandhom ħames kunsilliera, ammont ekwivalenti għal ħamsa u erbgħin fil-mija (45%) tal-onorarja ta' membru parlamentari;

(b) fil-lokalitajiet li għandhom bejn sebgħa u disgħa kunsilliera, ammont ekwivalenti għal ħamsa u sittin fil-mija (65%) tal-onorarja ta' membru parlamentari;

(ċ) fil-lokalitajiet li għandhom aktar minn disa' kunsilliera, ammont ekwivalenti għal ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-onorarja ta' membru parlamentari;";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jistabbilixxi l-*allowance* li l-Kunsilli Lokali jistgħu jħallsu lill-kunsillieri, liema *allowance* għandha titħallas kull xahar:"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiżdied dan li ġej:

"In-notifika trid issir mis-Segretarju Eżekuttiv lill-kap tad-dipartiment jew entità konċernata li tispeċifika li tali attività tkun attività uffiċjali tal-kunsill.".

24. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (i) tiegħu, il-kliem "meta dan ikun japplika" għandhom jiġu mħassra; u

(b) fil-paragrafu (s) tiegħu, minnufih wara l-kelma "sportivi" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew fiżiċi".

Żieda tal-artikolu 33A ġdid mal-Att prinċipali.

25. Minnufih wara l-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu 33A ġdid li ġej:

"Responsabbiltajiet assenjati lill-kunsillieri.

33A. (1) Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali li ssir wara l-elezzjoni, is-Sindku għandu jassenja lil kull kunsillier xi waħda mir-responsabbiltajiet elenkati fl-Erbatax-il Skeda. Għal dan il-għan, kull kunsillier ikollu d-dritt li jaħtar sottokumitat, u minn fost il-membri ta' dan is-sottokumitat għandu jinħatar segretarju.

(2) Fl-aħħar ta' kull sena, kull kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih ikun responsabbli, liema rapporti għandhom jiġu inklużi fir-Rapport Amministrattiv.

(3) Minbarra dawk il-materji msemmija fl-Erbatax-il Skeda, is-Sindku jkollu d-dritt li jassenja fost il-kunsilliera responsabbiltajiet oħra kif jidhirlu li jkun xieraq u skont il-bżonnijiet tal-lokalità.

(4) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħarraf minnufih lid-Direttur malli jiġu assenjati r-responsabilitajiet lill-kunsilliera.".

Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

26. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kunsill Lokali jista' jagħmel, jemenda jew jirrevoka *bye-laws* sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu u sabiex iħares u jnaqqas inkonvenjenzi fil-lokalità tiegħu u sabiex idaħħal aktar fondi minn dawk allokati lilu taħt l-artikolu 55.".

Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

27. L-artikolu 35 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) u sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Kunsill Lokali għandu jagħti lil kull persuna li tapplika għaliha, kopja tal-*bye-laws* proposti, jew ta' kull parti minnha bla ħlas.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2);

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġu enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) u l-kelma "sitt" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tmien";

(e) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(f) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4);

(g) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5) u sostitwit b'dan li ġej;

"(5) Il-Ministru jkollu jedd joġġezzjona għal kull *bye-law* approvata minn xi Kunsill u għandu juri dik l-oġġezzjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha bil-miktub lill-Kunsill f'mhux aktar minn tmien ġimgħat.";

(h) is-subartikolu (7) għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

28. Is-subartikolu (6) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jordna li d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3), (4) u (5) għandhom japplikaw għal xi wieħed jew aktar mill-kontravvenzjonijiet imsemmija fl-Iskeda mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u meta ssir ordni bħal dik il-prosekuzzjonijiet dwar l-istess infrazzjonijiet jitmexxew mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja li għandu jpoġġi f'kull post stabbilit taħt is-subartikolu (3).". Kap. 291.

Emenda tal-artikolu 36A tal-Att prinċipali.

29. Fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 36A tal-Att prinċipali l-kliem "ta' dik it-Taqsima" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tat-Taqsima V" kull fejn jidhru.

Emenda tat-titolu fil-qosor tal-artikolu 37A tal-Att prinċipali.

30. L-artikolu 37A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Kunsilli Reġjonali."; u

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kelma "ħames" għandha tigi sostitwita bil-kelma "sitt";

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu l-kelma

"Kumitat" għandha tigi sostitwita bil-kelma "Kunsill";

(d) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ) u sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) Kull Sindku li jifforma parti minn dak ir-Reġjun għandu jaħtar rappreżentant tiegħu biex jifforma parti mill-Kunsill Reġjonali.";

(e) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu (b) ġdid li ġej:

"(b) Kandidat ikun eleġibbli li jikkontesta għall-kariga ta' President tar-Reġjun jekk dan ikun resident f'lokalità li tinsab fl-istess reġjun jew ikun kunsillier elett f'xi Kunsill Lokali li jifforma parti minn dak ir-reġjun, jew ikun il-President fil-kariga sad-data tal-ftuħ tan-nomini għall-elezzjoni.";

(f) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d) u l-kelma "Kumitat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Kunsill";

(g) minnufih wara l-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol il-paragrafu ġdid (e) li ġej:

"(e) Il-President tar-Reġjun u l-President tal-Assoċjazzjoni m'għandhomx ikunu kunsillieri, u jekk jiġi elett f'xi waħda minn dawn il-karigi kunsillier fil-kariga, dan għandu jirriżenja minn kunsillier.";

(h) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5) u għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(5) Il-Kunsill Reġjonali għandu jaħtar persuna biex taġixxi bħala Segretarju Eżekuttiv għall-istess Kunsill.";

(i) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6);

(j) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7) u l-kelma "Kumitati" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Kunsilli";

(k) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (8) u l-kelma "Kumitati" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Kunsilli";

(l) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (9) u għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(9) Il-Kunsilli Reġjonali jiġu maħtura għal dak iż-żmien kif stabbilit fir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali."; L.S. 363.06.

(m) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (10) u l-kelma "Kumitati" għandha titneħħa u tiġi sostitwita bil-kelma "Kunsilli";

(n) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli (3) u (4) ġodda li ġejjin:

"(3) Il-Kunsill Reġjonali jkun livell ieħor ta' Gvern Lokali.

(4) Id-distribuzzjoni ġeografika tar-reġjuni kif stabbilita fil-Ħdax-il Skeda għandha tkun rikonoxxuta uffiċjalment minn kull entità kemm Governattiva u kemm le."; u

(o) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu s-subartikoli (11) u (12) ġodda li ġejjin:

"(11) Il-Presidenti tal-Kunsilli Reġjonali li għandhom il-mandat li jiskadi fl-2022 jibqgħu jżommu dan il-mandat anke jekk xi wieħed minn dawn il-persuni ma jkunx elett Kunsillier fl-Elezzjonijiet Lokali tal-25 ta' Mejju 2019:

Iżda l-Presidenti Reġjonali li l-mandat tagħhom jiskadi fl-2022 għandhom jirrinunzjaw għall-kariga ta' kunsillier jekk dawn jerġgħu jiġu eletti fil-kunsill fl-elezzjonijiet lokali tal-25 ta' Mejju 2019, jekk kemm-il darba President Reġjonali jrid iżomm il-kariga ta' President tal-Kunsill Reġjonali, liema kondizzjoni mhix applikabbli għall-President tal-Assoċjazzjoni u l-membri eletti mil-lista ġenerali tal-Assoċjazzjoni:

Iżda wkoll id-dispożizzjoni msemmija fil-proviso ta' dan l-artikolu tkun applikabbli b'effett mill-24 ta' Ġunju 2019.

(12) Kull sena l-Ministru responsabbli għall-finanzi għandu jalloka vot taħt l-Att dwar l-Approprjazzjoni li għandu jintuża għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Kunsilli

Reġjonali. L-ammont approprjat għandu jiġi stabbilit skont formola li tiġi stabbilita b'regolamenti maħruġa mill-Ministru.".

Żieda tal-artikolu 37B ġdid mal-Att prinċipali.

31. Minnufih wara l-artikolu 37A tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu 37B ġdid li ġej:

"Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali.

37B. Il-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti għas-servizz lill-kunsilli lokali fi ħdanhom tal-immaniġġar tal-iskart u dan għandu jidħol fis-seħħ b'effett mis-sena 2022, u dan bla ħsara għall-funzjonijiet tal-kunsill lokali skont l-artikolu 33(1)(b);

(b) il-qasam soċjali, li jinkludi riċerki u rapport ta' evalwazzjoni ta' impatti soċjali, liema rapport għandu jsir fl-ewwel sena ta' kull leġiżlatura;

(ċ) l-għoti ta' assistenza lill-kunsilli lokali fi ħdan ir-reġjun, liema assistenza tinkludi l-għoti ta' servizzi professjonali fosthom fil-qasam ambjentali, soċjali, kulturali, turistiku u tat-teknoloġija tal-informatika;

(d) l-għoti ta' assistenza lill-kunsilli lokali fi ħdan ir-reġjun sabiex jibbenefikaw u jimmaniġġaw b'suċċess programmi li jkunu finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea;

(e) l-għoti ta' sussidji lil studenti għal riċerki dwar aspetti li jkunu jolqtu lir-reġjun;

(f) il-koordinament mal-kunsilli lokali ta' attivitajiet u inizjattivi sportivi u fiżiċi, inkluż dawk relattivi għall-benesseri;

(g) il-koordinazzjoni ma' ministeri, dipartimenti u entitajiet tal-Gvern sabiex jiffaċilitaw il-ħidma tal-kunsilli lokali, inkluż koordinazzjoni mas-setturi taż-żamma tal-ordni;

(h) li jagħtu l-opinjoni dwar il-Pjan Lokali u l-istess opinjoni tkun annessa mar-rapport li jiġi ppreżentat fil-Kamra;

(i) il-preparazzjoni, fuq bażi annwali, ta' Pjan ta' Ħidma li jinkludi l-ħtiġijiet finanzjarji u ta' riżorsi umani tar-Reġjun.".

Emenda tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali.

32. Fl-artikolu 38 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Kunsilli Lokali" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-Kunsilli Reġjonali".

Sostituzzjoni tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali.

33. L-artikolu 39 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"39. Għall-fini tal-qadi ta' xi funzjonijiet dwar xi ħaġa li taqa' taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att, Kunsill Lokali jew Reġjonali għandu jagħti b'kuntratt u joħroġ għall-kompetizzjoni kull waħda mill-funzjonijiet mogħtija lilu, xi persuna impjegata skont l-artikoli 52 u 53 jew minn xi Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali ieħor li jkun ħareġ jew li jkun se joħroġ il-qadi ta' dawk il-funzjonijiet għal kompetizzjoni:

Iżda ebda kunsillier jew impjegat ma' xi Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali, jew xi kumpanija li fiha dak il-kunsillier jew impjegat ikollu parteċipazzjoni maġġoritarja ta' ishma jew xi interess fil-kontroll tagħha, m'għandu joffri jew jissottometti kwotazzjonijiet għal xi xogħlijiet, oġġetti jew servizzi jew għat-trasferiment ta' xi art li dwarhom tkun inħarġet sejħa għal offerti jew kwotazzjonijiet mill-Kunsill li tiegħu huwa jkun membru jew impjegat:

Iżda wkoll, bl-approvazzjoni tal-Ministru, Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali jista' jagħmel arranġamenti ma' korp pubbliku, dipartiment tal-Gvern jew Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali ieħor –

(a) għall-provvista minn parti waħda lil oħra ta' xi oġġetti;

(b) għall-provvediment minn parti lil oħra ta' servizzi amministrattivi, professjonali jew tekniċi;

(ċ) għall-użu minn parti waħda ta' vettura, impjant jew apparat li jkun jappartjeni lill-parti l-oħra u li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-parti msemmija l-ewwel is-servizzi ta' xi persuna impjegata f'dak li għandu x'jaqsam mal-vettura, impjant jew apparat li jkun; u

(d) għall-proviżjoni jew manutenzjoni minn parti waħda ta' kull xogħol, faċilità, ħtieġa, apparat jew xi ħaġa għall-proviżjoni jew manutenzjoni li għalihom tkun

responsabbli l-parti l-oħra,

b'dawk il-pattijiet li jistgħu jiġu miftiehma skont l-arranġamenti milħuqa bejn il-partijiet.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali.

34. L-artikolu 40 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Akkwisti. L.S. 363.186.

40. Kull akkwist mill-Kunsilli Lokali jew Kunsilli Reġjonali għandhom isiru skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 41 tal-Att prinċipali.

35. L-artikolu 41 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea. L.S. 363.186.

41. F'każ ta' proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, il-proċeduri tal-offerti għandhom ikunu skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea u skont ir-Regolament dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

36. L-artikolu 43 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"43. (1) Waqt il-laqgħat il-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali għandhom jimxu fuq l-ordnijiet permanenti li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Il-laqgħat tal-Kunsill Lokali u l-Kunsill Reġjonali għandhom isiru mill-inqas darba fix-xahar.

(3) Il-laqgħat tal-Kunsilli Lokali li jridu jsiru darba fix-xahar u laqgħat b'urġenza għandhom jibdew mhux qabel il-5.00 p.m. u mhux aktar tard mis-7.00 p.m. u qatt m'għandhom jaqbżu t-tliet (3) sigħat, sakemm mhux maqbul mod ieħor b'mod unanimu.

(4) Laqgħat oħra jistgħu jsiru skont kif maqbul b'mod unanimu mill-kunsillieri:

Iżda l-ħinijiet stabbiliti għal-laqgħat statutorji tal-Kunsill Lokali jistgħu jkunu mod ieħor jekk għal raġunijiet ta' konvenjenza l-kunsillieri kollha jaqblu dwar dan.".

Emenda tal-artikolu 44 tal-Att prinċipali.

37. L-artikolu 44 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kull laqgħa tal-Kunsill Lokali u tal-Kunsill

Reġjonali tkun miftuħa għall-pubbliku u għandha tiġi mxandra u miżmuma *on demand* fuq l-internet b'mod awdjoviżiv fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill Lokali u tal-Kunsill Reġjonali."; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Meta f'laqgħa ta' Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali l-Kunsill jirriżolvi ruħu f'kumitat, il-proċeduri fil-kumitat għandhom għall-finijiet ta' dan l-Att jitqiesu bħala parti mill-proċeduri tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali jew tal-Kunsill Reġjonali.".

38. L-artikolu 45 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1), inkluż il-paragrafu (a) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu, jekk hekk mitlub u mal-ħlas li jkun meħtieġ li jsir għall-għoti ta' tagħrif permissibbli bħal dak, jagħti -

(a) kopja tal-aġenda u kull dokument anness li jkollu x'jaqsam direttament mal-aġenda u li se jkun diskuss fil-laqgħa, kif ċirkolata lill-membri tal-Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali; u"; u

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "hekk mogħtija;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "hekk mogħtija.", u s-subparagrafi (ċ) u (d) għandhom jitħassru.

39. Fl-artikolu 46 tal-Att prinċipali, il-kelma "Il-Kunsill" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Is-Segretarju Eżekuttiv". Emenda tal-artikolu 46 tal-Att prinċipali.

40. L-artikolu 47 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 47 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu, il-Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali jista' jaħtar kumitati bl-iskop li dawn ikunu jistgħu jassistu lill-Kunsill Lokali u l-Kunsill Reġjonali fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom.";

(b) is-subartikolu (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Kumitati maħtura taħt is-subartikolu (1) għandhom ikunu magħmula minn *Chairperson* magħżul

minn fost il-kunsillieri.";

(ċ) is-subartikolu (5) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(5) Iċ-*Chairperson* tal-kumitat għandu jippreżenta l-minuti fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) għandu jiżdied is-subartikolu (6) ġdid li ġej:

"(6) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun membru *ex officio* fil-Kumitat tal-Finanzi.".

Emenda tal-artikolu 47A tal-Att prinċipali.

41. L-artikolu 47A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (5) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(5) Is-Sindku għandu jassenja r-responsabbiltà tal-komunità li tkun tinsab fil-lokalità lill-kunsillier li jkollu r-residenza tiegħu f'din il-komunità. Jekk f'dik il-komunità jkunu joqogħdu iżjed minn kunsillier wieħed, għandha ssir votazzjoni fost il-kunsilliera biex jingħażel il-kunsillier minn fost dawk residenti f'dik il-komunità li għandu jiġi assenjat ir-responsabbiltà ta' dik il-komunità. Jekk ma jkun hemm ebda kunsillier li joqgħod f'dik il-komunità, is-Sindku għandu jagħti r-responsabbiltà lil dak il-kunsillier li l-aktar li jidhirlu li jkun xieraq:

Iżda għall-Komunità tas-Swatar għandhom jiġu assenjati żewġ kunsillieri, wieħed mil-lokalità ta' Birkirkara u l-ieħor mil-lokalità tal-Imsida.";

(b) is-subartikoli (6), (7), (8) u (9) għandhom jitħassru ; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) għandu jiżdied is-subartikolu (6) ġdid li ġej:

"(6) Għandu jkun hemm allokazzjoni finanzjarja għall-komunitajiet, li tkun parti mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali u li tiġi maħduma fuq il-bażi tal-istess formola ta' finanzjament tal-Kunsill Lokali li tinsab fit-Tmien Skeda. Kull deċiżjoni dwar l-użu ta' dawn il-fondi għandha tiġi attwata wara ratifika mill-Kunsill Lokali tal-lokalità.".

Emenda tal-artikolu 48 tal-Att prinċipali.

42. L-artikolu 48 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) il-kliem "inkluż persuni li jużaw is-siġġu tar-roti" għandhom jiġu mħassra;

(b) is-subartikolu (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku fil-ġranet kollha tax-xogħol inkluż nhar ta' Sibt matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju skont direttivi maħruġa mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni."; u

(ċ) is-subartikolu (3), inkluż il-proviso tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Kull laqgħa tal-Kunsill Lokali ssir fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali.".

43. L-artikolu 49 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali.

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv u Deputat Segretarju Eżekuttiv.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kull Kunsill Lokali għandu jkollu Segretarju Eżekuttiv u Deputat Segretarju Eżekuttiv.";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kelma "Kunsill" għandha tiżdied il-kelma "Lokali";

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu li jkun magħżul minn *pool* ta' persuni għal dan il-għan.";

(e) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Meta Kunsill Lokali jonqos milli jinnomina Segretarju Eżekuttiv jew Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Ministru għandu jinnomina Aġent Segretarju Eżekuttiv jew Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv.";

(f) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fuq talba tal-Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali, wara li titressaq mozzjoni bir-raġunijiet ġustifikati u sostanzjati għat-tneħħija u tiġi approvata mill-Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali; jew";

(g) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu, minnufih wara l-kliem "f'dak il-Kunsill Lokali;" għandha tiżdied il-kelma "jew";

(h) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) fuq talba tad-Direttur fuq nuqqasijiet li joħorġu fir-rapport tal-awdituri lokali, rapport tal-Bord ta' Gvernanza jew meta wara stħarriġ mid-Direttur jirriżulta li s-Segretarju Eżekuttiv ikun wettaq abbuż jew ħalla li jitwettqu abbużi u ksur tal-liġi jew regolamenti mill-kunsill lokali:"; u

(i) fit-tieni proviso tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (6) tiegħu l-kliem "l-Amministrazzjoni Pubblika." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Amministrazzjoni Pubblika:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta tiddaħħal mozzjoni skont il-paragrafu (a), is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun sospiż bi dritt għall-ħlas mill-kariga sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar it-tneħħija tiegħu jew mod ieħor. Matul dan il-perjodu s-Segretarju Eżekuttiv għandu jirrapporta għax-xogħol fid-Dipartiment.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 50 tal-Att prinċipali.

44. L-artikolu 50 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"50. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 49 u 53, Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-Kunsill fil-ħin u bil-miktub dwar kull ċirkostanza fejn hu ma jkunx jista' jaġixxi:

Iżda jekk f'dak il-Kunsill Lokali partikolari ma jkunx hemm impjegati f'dik l-iskala, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jinħatar minn Kunsill Lokali ieħor sakemm dan ikollu l-kwalifiki meħtieġa.".

45. L-artikolu 51 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 51 tal-Att prinċipali.

"Segretarju Eżekuttiv *full-time.*

51. Segretarju Eżekuttiv għandu jaħdem biss fuq bażi *full-time*.".

46. Fl-artikolu 52 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (g) għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda (h) u (i) li ġejjin: Emenda tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali.

"(h) ikun responsabbli mill-immaniġġar kemm tal-impjegati tal-Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali kif ukoll il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali; u

(i) jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra kif stipulati fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).". L.S. 363.20.

47. L-artikolu 53 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 53 tal-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni, il-Kunsill Lokali għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill u dan wara li tinkiseb l-approvazzjoni tad-Dipartiment.";

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b);

(d) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Kwalifiki tas-Segretarji Eżekuttivi u l-impjegati tal-Kunsill.

53A. Il-Ministru jista', b'regolamenti, u wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni, jippreskrivi l-kwalifiki li għandu jkollha, ir-rimunerazzjoni li titħallas u l-proċeduri tekniċi, amministrattivi u ta' uffiċċju li għandha timxi fuqhom -

(a) kull persuna maħtura fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv jew ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill; u

(b) kull persuna maħtura f'dik il-kariga l-oħra li tista' tiġi preskritta.";

(e) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tneħħija, sospensjoni u tqegħid lura ta' Segretarji Eżekuttivi u impjegati tal-Kunsill Lokali.

53B. (1) It-tneħħija mill-kariga, sospensjoni jew tqegħid lura f'kariga, jew xi żamma tar-rimunerazzjoni, tas-Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill jew ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u ta' kull impjegat ieħor li għalihom ikunu preskritti l-kwalifiki skont l-artikolu 53A għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Ministru:

Iżda meta xi persuna titneħħa jew tiġi sospiża mill-kariga jew ma titħallasx, dawn għandhom ikunu biss effettivi minn dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Ministru.

(2) Kunsill m'għandux, mingħajr l-approvazzjoni tal-Ministru, ineħħi mill-kariga jew jissospendi, jew iżomm ir-rimunerazzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv jew ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv maħtur mill-Ministru skont l-artikolu 49(4).

(3) L-impjegati tal-Kunsill ikunu maħtura għal żmien ta' tliet snin u l-kuntratt tagħhom jista' jiġġedded għal perjodi oħra wara ta' tliet snin b'dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti taħt l-artikolu 53A.";

(f) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Protezzjoni tad-*data.*

53Ċ. Kemm-il darba ma jkunx hemm ordni kuntrarju mill-qorti, tagħrif dwar impjegat partikolari jew detentur ta' kariga, impjegat preċedenti jew detentur ta' kariga preċedenti jew applikant għal impieg jitqies li hu kunfidenzjali u ma jkunx jista' jingħata lil persuni li ma jkunux membri tal-Kunsill, membri ta' staff kif delegati mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Ministru fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att u l-individwu li jkun.".

Emenda tal-artikolu 55 tal-Att prinċipali.

48. L-artikolu 55 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kelma "Kunsilli" għandu jiżdied il-kliem "Lokali u Kunsilli Reġjonali";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kelma "Kunsill" għandha tiżdied il-kelma "Lokali";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu, inklużi l-paragrafi u l-provisos tiegħu, għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(3) Meta jkun qed jalloka l-ammont approprjat lil Kunsill Lokali, il-Ministru jista' jżomm kull porzjon minn dak l-ammont wara:

(a) parir mill-Bord ta' Gvernanza; jew

(b) parir mid-Direttur; jew

(ċ) rakkomandazzjoni minn Bord maħtur biex jinvestiga xi irregolarità minn Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 56 tal-Att prinċipali.

49. L-artikolu 56 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Budget* annwali

56. Kull Kunsill Lokali għandu darba matul ix-xahar ta' Jannar ta' kull sena finanzjarja japprova u jipprovdi l-estimi finanzjarji tiegħu għas-sena finanzjarja li tkun tmiss.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 57 tal-Att prinċipali.

50. L-artikolu 57 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"57. L-allokazzjoni msemmija fl-artikolu 55 għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali mill-Ministru u wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni.".

Emenda tal-artikolu 59 tal-Att prinċipali.

51. L-artikolu 59 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Pjan ta' ħames snin dwar xogħol u finanzi.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Fi tmiem l-ewwel sena tal-kariga tiegħu, Kunsill Lokali għandu jħejji u jiddiskuti Pjan ta' Ħidma li jkopri ħames snin dwar it-tħaddim, il-proġetti u l-finanzi tal-Kunsill Lokali sabiex jipprovdu qafas għall-*budgets* annwali tal-Kunsill Lokali.";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kelma "tliet" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "ħames".

Tħassir tal-artikolu 60 tal-Att prinċipali.

52. L-artikolu 60 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Sostituzzjoni tal-artikolu 61 tal-Att prinċipali.

53. L-artikolu 61 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"61. Il-Kunsill Lokali ma jistax jawtorizza xi xogħlijiet, servizzi u provvisti li l-valur tagħhom jeċċedi l-vot annwali tiegħu għal dik is-sena finanzjarja u flejjes oħra li jirriżulta minn snin ta' qabel meta jkun meqjus l-ammont maħsub għall-ħlas ta' spejjeż ta' natura ordinarja:

Iżda Kunsill Lokali għandu jipprepara pjan ta' rkupru biex jindirizza s-sitwazzjoni likwida tiegħu u għandu jikkommetti ruħu biss għal funzjonijiet statutorji skont l-artikolu 33.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 63A tal-Att prinċipali.

54. L-artikolu 63A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"63A. Kull donazzjoni kemm fi flus kif ukoll mhux bi flus minn xi Kunsill Lokali jew Kunsill Reġjonali hi pprojbita sakemm din ma tkunx relatata ma' xi funzjoni stabbilita fl-artikolu 33 jew b'direttiva mid-Direttur.".

Emenda tal-artikolu 65 tal-Att prinċipali.

55. L-artikolu 65 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) impjegat tal-Kunsill tal-lokalità jew persuna li tkun qed toffri servizz lill-istess kunsill lokali; jew"; u

(b) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "biż-żwieġ" għandu jiżdied il-kliem "jew b'unjoni ċivili".

Emenda tal-artikolu 66 tal-Att prinċipali.

56. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 66 tal-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "assessjar regolari" għandhom jiżdiedu l-kliem "mid-Direttur".

Żieda tal-artikolu 66A mal-Att prinċipali.

57. Minnufih wara l-artikolu 66 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-

artikolu 66A ġdid li ġej:

"Preċedenza għal fondi u skemi speċjali.

66A. Kunsilli Lokali għandhom jingħataw preċedenza għal applikazzjoni għal fondi jew skemi speċjali maħruġa minn żmien għal żmien mill-Ministru jew id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali abbażi tal-indikaturi u r-riżultati finanzjarji, fuq medda ta' tliet snin. Dan sabiex jingħata għarfien u rikonoxximent lill-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali li jimxu mar-regolamenti finanzjarji.".

58. L-artikolu 70 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 70 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu żewġ laqgħat annwali tal-lokalità –

(a) laqgħa annwali li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena sabiex jippreżentaw l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja; u

(b) laqgħa annwali oħra sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jippreżenta r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

L-ewwel *item* fuq l-aġenda ta' kull laqgħa annwali għandu jkun il-qari tal-minuti tal-aħħar laqgħa.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-laqgħat annwali tal-lokalità għandhom isiru f'dak il-post li l-Kunsill Lokali jistabbilixxi u li jkun aċċessibbli għal kulħadd. Avviż ta' dawk il-laqgħat għandu jkun notifikat permezz ta' ittra mibgħuta f'kull residenza, negozju u għaqdiet fil-lokalità u fuq il-*website* u pubblikat fuq il-*media* soċjali tal-kunsill sa mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata mid-data tal-laqgħat.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar;

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3);

(e) fis-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "ilment jew suġġeriment" għandu jiżdied il-kliem "relatat mal-laqgħa"; u

(f) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda tal-artikolu 72 tal-Att prinċipali.

59. L-artikolu 72 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu wara l-kliem "sad-Disa' Skeda" għandhom jiżdiedu l-kliem "u mit-Tnax sal-Erbatax-il Skeda"; u l-kliem "it-tnejn inklużi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kollha inklużi";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-Ministru jista' wkoll, b'żieda ma' dawk ir-regolamenti, jagħmel jew jawtorizza l-għemil ta' dawk il-formuli, proċeduri, linji ta' gwida u direttivi kif jidhirlu meħtieġ jew spedjenti, dwar kull funzjoni vestita fil-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali jew delegata lilhom b'dan l-Att jew taħtu, sabiex ikun żgurat livell uniformi ta' operazzjoni u l-ksib ta' servizzi u oġġetti oħra, jew sabiex ikunu stabbiliti livelli minimi jew sabiex jipprovdu għal kull ħaġa oħra li tkun anċillari jew inċidentali għall-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 73 tal-Att prinċipali.

60. L-artikolu 73 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Statistika uffiċjali tal-popolazzjoni.

73. Id-Direttur għandu kull sena jikseb l-istatistika uffiċjali dwar il-popolazzjoni ta' kull lokalità, liema statistika għandha tkun disponibbli għall-Kunsilli Lokali kollha.".

Emenda tal-artikolu 75 tal-Att prinċipali.

61. L-artikolu 75 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mitejn euro (€200)"; u

(b) fil-proviso għas-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "elfejn u ħames mitt euro (€2,500)".

Sostituzzjoni tal-artikolu 78 tal-Att prinċipali.

62. L-artikolu 78 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"78. L-Ewwel, it-Tieni, id-Disa' u mit-Tnax sal-Erbatax-il Skeda għandhom jiġu pubblikati flimkien mal-Malti biss u dawn l-Iskedi għandhom jgħoddu wkoll għat-test Ingliż ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 80 tal-Att prinċipali.

63. L-artikolu 80 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) imexxi d-Dipartiment u jara li jingħata s-sapport meħtieġ lill-Kunsilli Lokali mid-Dipartiment;"; u

(b) fil-paragrafu (e) tiegħu l-kliem "tal-Kunsilli Lokali." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Kunsilli Lokali;" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu (f) ġdid li ġej:

"(f) jagħmel monitoraġġ tal-operat tal-Gvern Lokali.".

Emenda tal-artikolu 81 tal-Att prinċipali.

64. Fl-artikolu 81 tal-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "ir-responsabilità tiegħu" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif elenkati fl-artikolu 33".

Żieda tal-artikoli ġodda 82, 83 u 84 mal-Att prinċipali.

65. Minnufih wara l-artikolu 81 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli 82, 83 u 84 ġodda li ġejjin:

"Protokoll Lokali u Reġjonali.

82. Il-preċedenza, l-istatus u l-imġiba lejn il-President tar-Reġjun, is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Lokali hi regolata skont it-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att.

Kodiċi ta' Etika.

83. L-imġiba mistennija minn kull persuna eletta fil-Gvern Lokali għandha tkun regolata bil-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali li jinsab fit-Tlettax-il-Skeda ta' dan l-Att.

Protezzjoni u privatezza tad-*data* personali.

84. Minħabba raġunijiet ta' protezzjoni u l-privatezza tad-*data* personali, ismijiet ta' terzi persuni li mhumiex direttament konnessi mal-operat tal-kunsill m'għandhomx jiġu pubblikati jew imxandra waqt il-laqgħat tal-kunsill. Dan jinkludi wkoll ir-raġunijiet mogħtija bil-miktub minn xi kunsillier għalfejn ma jkunx jista' jattendi laqgħa tal-kunsill, fejn tali raġuni tkun mogħtija biss lis-Segretarju Eżekuttiv, lis-Sindku u lill-kunsillieri.".

Emenda tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali.

66. Il-mapep, li jinsabu fit-Tieni Skeda tal-Att prinċipali, tal-konfini tal-lokalitajiet ta' 14. Birkirkara, 51. Ħal Safi, 58. Santa Venera u 67. Iż-Żurrieq għandhom jiġu sostitwiti bil-mapep ġodda kif elenkati fl-Anness ta' dan l-Att.

Sostituzzjoni tar-Raba' Skeda tal-Att prinċipali.

67. Ir-Raba' Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IR-RABA' SKEDA
[Artikolu 33]

Ħwejjeġ esklużi mir-responsabbiltà ta' Kunsilli Lokali

Oqsma Industrjali:

Central Business District, Mrieħel	Limiti ta' Birkirkara, Ħal Qormi u Santa Venera
Qasam Industrijali Bulebel	Limiti taż-Żejtun
Qasam Industrijali Ħal Far	Limiti ta' Birżebbuġa
Qasam Industrijali Kordin	Limiti ta' Paola
Qasam Industrijali Luqa	Limiti ta' Ħal Luqa
Qasam Industrijali Marsa	Limiti tal-Marsa
Qasam Industrijali Rikażli	Limiti tal-Kalkara
Qasam Industrijali San Ġwann	Limiti ta' San Ġwann
Qasam Industrijali Xewkija	Limiti tax-Xewkija
Technopark Mosta	Limiti tal-Mosta
Villaġġ tas-Snajja' Ta' Dbieġi	Limiti tal-Għarb
Villaġġ tas-Snajja' Ta' Qali	Limiti ta' Ħ'Attard
Żona Industrijali tal-Mosta (Tarġa Gap)	Limiti tal-Mosta
Żona Industrijali tal-Mosta (Tas-Sriedek)	Limiti tal-Mosta
Żona Industrijali ta' Tal-Ħandaq	Limiti ta' Ħal Qormi (Ċittà Pinto)
Aviation Park ta' Ħal Safi	Limiti ta' Ħal Safi
Malta Freeport	Limiti ta' Birżebbuġa
Delimara Power Station	Limiti ta' Marsaxlokk
Marsa Power Station	Limiti tal-Marsa
L-Ajruport	Limiti ta' Ħal Luqa
Ta' Lambert Heliport	Limiti tax-Xewkija
Bus Terminus	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Bus Terminus	Ir-Rabat (Ċittà Victoria)
Albertown Reverse Osmosis Plant	Limiti tal-Marsa
Ċirkewwa Reverse Osmosis Plant	Limiti tal-Mellieħa
Għar Lapsi Reverse Osmosis Plant	Limiti tas-Siġġiewi
Pembroke Reverse Osmosis Plant	Limiti ta' Pembroke
Tignè Reverse Osmosis Plant	Tas-Sliema
Installazzjoni Gass	Limiti ta' Birżebbuġa
Installazzjoni Petroleum	Limiti ta' Birżebbuġa
Impjant Riċiklaġġ tal-Iskart Sant'Antnin	Limiti ta' Marsaskala

Il-Portijiet kollha elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta.

Ċentri Soċjali u tas-Saħħa:

Sptar Mentali Għawdex	Ir-Rabat, Għawdex
Sptar Monte Karmeli	Limiti ta' Ħ'Attard
Sptar San Luqa	Tal-Pietà
Sptar San Vinċenz de Paul	Limiti ta' Ħal Luqa
Sptar Sir Paul Boffa	Floriana
Zammit Clapp Home	San Ġiljan

Irdum:

Radam Magħtab	Limiti tan-Naxxar
Radam Wied Fulija	Limiti taż-Żurrieq
Radam Qortin	Ix-Xagħra

Bini u Kumplessi:

Bini Ministerjali tal-Gvern (ex Beltissebħ)	Floriana
Kumpless Sportiv tal-Marsa	Limiti tal-Marsa
Pixxina Nazzjonali Tal-Qroqq	Limiti tal-Imsida
Pixxina	Żonqor, Marsaskala
Post għal Ċentru Nazzjonali Tennis	Pembroke
Kumpless Sportiv Akwatiku	Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex
Stadium Nazzjonali tal-*Football*	Ta' Qali, Limiti ta' Ħ'Attard
Gozo Stadium	Limiti tar-Rabat (Ċittà Victoria)
Padiljun tal-Basketball	Ta' Qali Limiti ta' Ħ'Attard
Kumpless Sportiv ta' Kordin	Limiti ta' Paola
Ground tal-*Football* Tignè	Limiti tas-Sliema
Kumpless Sportiv tal-Università	L-Imsida
Bidnija Shooting Range	Limiti ta' San Pawl il-Baħar
Kumpless Sportiv ta' Għawdex	Ir-Rabat (Ċittà Victoria)
Shooting Ranges tal-Militar	Limiti ta' Pembroke
Clay Pigeon Shooting Range	Iż-Żebbuġ
Il-Korsa taż-Żwiemel tax-Xħajma	Xewkija
Università ta' Malta	L-Imsida

Ċimiterji:

Ċimiterju tal-Addolorata	Limiti ta' Paola
Ċimiterju ta' Braxia	Limiti tal-Ħamrun
Ċimiterju tal-Kalkara	Limiti tal-Kalkara
Ċimiterju tas-Sur tal-Imsida	Floriana
Ċimiterju tal-Imtarfa	Limiti ta' Ħ'Attard
Ċimiterju ta' Santa Marija	Limiti tar-Rabat, Għawdex

Parki u Mkejjen ta' Wirt Nazzjonali:

Fortijiet u fortifikazzjonijiet jinkludu fosos, *glacis* u dawk il-partijiet tal-fortijiet u fortifikazzjonijiet li għalkemm ma jidhrux, xorta huma parti minnhom

Buskett	Limiti tas-Siġġiewi
Ta' Qali National Park	Limiti ta' Attard
Għadira	Limiti tal-Mellieħa
Simar Nature Reserve	Xemxija, San Pawl il-Baħar
Elysium Visitor Centre and	

TreeNursery	Limiti tal-Mellieħa
Foresta 2000	Il-Mellieħa
Park tal-Familja Sant'Antnin	Marsaskala
Majjistral Nature and History Park	Manikata, Limiti tal-Imġarr
Għadira Nature Reserve	Il-Mellieħa
Kennedy Grove	Salina, Limiti ta' San Pawl il-Baħar
Xrobb L-Għaġin Park	Limiti ta' Marsaxlokk

Gżejjer:

Kemmuna Kemmunett Filfla
Il-Blata tal-Ġeneral
Manoel Island
Il-Gżejjer ta' San Pawl

Swar, Fortijiet u Postijiet Storiċi:

Is-Swar tal-Birgu Is-Swar ta' Bormla	
Is-Sur t'Għawdex (Cittadella)	Ir-Rabat (Ċittà Victoria)
Is-Swar ta' Floriana	
Is-Swar tal-Imdina	
Is-Swar tal-Isla	
Is-Swar tal-Belt Valletta	
Forti Manoel	
Forti Rikażli Forti Sant'Anġlu	Forti Sant'Iermu
Forti Chambrai	Limiti ta' Għajnsielem
Il-Linji tal-Kottonera	
Il-Linji ta' Vittorja	
Bieb il-Belt	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Bieb il-Bombi	Floriana
L-Akwadott ta' Wignacourt u l-Fontana	

Is-siti u l-imkejjen arkeoloġiċi kollha reġistrati ma' Heritage Malta

Ġonna u Monumenti:

L-Arena tal-Indipendenza	Floriana
Il-Mall	Floriana
Il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima) I
Il-Ġonna Botaniċi tal-Argotti	Floriana
Il-Mall (Rundel Gardens)	Rabat, Għawdex
Il-Ġonna tal-Palazz ta' Sant'Anton	Ħ'Attard
Il-Ġonna tal-Palazz Verdala	Limiti tas-Siġġiewi
Monument tal-Indipendenza	Floriana
Monument tal-Assedju l-Kbir	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument tal-Qanpiena tal-Assedju	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument tal-Gwerra	Floriana
Monument tar-Royal Air Force	Floriana
Monument tas-Sette Giugno	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument tas-Sette Giugno	Rabat, Għawdex
Monument tal-31 ta' Marzu 1979	Il-Birgu (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Nerik Mizzi	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Ġorġ Borg Olivier	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Pawlu Boffa	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)

Monument ta' Kristu Re	Floriana
Monument ta' Kristu Re	Rabat, Għawdex
Monument ta' Dun Mikiel Xerri	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Anton Buttigieg	Il-Ħamrun
Monument ta' Manwel Dimech	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Spencer	Il-Ħamrun
Monument tar-Reġina Vittorja	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Manoel de Vilhena	Floriana
Monument ta' Guido de Marco	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Jean De Valette	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument ta' Duminku Mintoff	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument tas-Summit	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)
Monument tal-Fjamma	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)

Toroq:

It-toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali;
Il-passaġġi jew aċċess pubbliku madwar il-*Housing Estates.*".

68. Fil-Ħames Skeda tal-Att prinċipali, il-kelma "Deputat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Viċi" kull fejn tidher.

Emenda tal-Ħames Skeda tal-Att prinċipali.

69. Is-Sitt Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda tas-Sitt Skeda tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (4) tal-ordni permanenti 1, il-kelma "Deputat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Viċi";

(b) il-paragrafu (2) tal-ordni permanenti 2 inkluż l-ewwel proviso tiegħu għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(2) Jekk ma jkunx hemm *quorum* meta' jiltlaqa' l-Kunsill u wara li wieħed ikun stenna 30 minuta mill-bidu tal-laqgħa, jew jekk matul il-laqgħa n-numru tal-kunsillieri preżenti u li ma jitħallewx barra minħabba interess dikjarat ikunu anqas mill-*quorum*, ix-xogħol li ma jsirx f'dik il-laqgħa għandu jsir fil-laqgħa li jmiss jew f'xi jum ieħor kif jista' jistabbilixxi s-Sindku. Jekk il-*quorum* jintilef wara li l-laqgħa tkun inbdiet, il-Kunsill għandu jistenna għaxar minuti, u jekk jibqa' bla *quorum* il-laqgħa għandha tkun aġġornata:

Iżda l-laqgħa li jmiss ma tistax issir qabel jgħaddu jumejn tax-xogħol mil-laqgħa li ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*:";

(ċ) fil-paragrafu (e) tal-ordni permanenti 4, il-kelma "Deputat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Viċi";

(d) il-paragrafu (m) tal-ordni permanenti 5 għandu jiġi

sostitwit u emendat kif ġej:

"(m) F'kull laqgħa tal-Kunsill Lokali l-aħħar materja fuq l-aġenda għandha tkun id-data u l-ħin tal-laqgħa li jmiss."; u fit-tielet paragrafu tiegħu minnufih wara l-kliem "ħamest ijiem" għandhom jiżdiedu l-kliem "ta' xogħol";

(e) fl-ordni permanenti 7 minnufih wara l-kliem "tal-inqas sitt ijiem" għandhom jiżdiedu l-kliem "ta' xogħol";

(f) il-paragrafu (1) tal-ordni permanenti 15 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Mozzjoni tista' titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill mingħajr sekondant. Wara li tinqara l-mozzjoni, min ikun qed jippresjedi l-laqgħa għandu jitlob sabiex il-mozzjoni tiġi sekondata. F'każ li l-mozzjoni ma ssibx sekondant, il-mozzjoni taqa'. F'dan il-każ, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu nota tal-kontenut kollu tal-mozzjoni mressqa inkluż min ippproponiha, jindika li ma nstabx sekondant u allura li l-mozzjoni tkun waqgħet.";

(g) minnufih wara l-ordni permanenti 35 għandu jiżdied l-ordni permanenti 35A li ġej:

"Ksur. 35A. Jekk jiġi pruvat li xi membru tal-Kunsill ikun kiser xi dispożizzjoni msemmija fl-ordni permanenti 35, dan għandu jitqies li jkun mar kontra l-ġurament tal-ħatra u għal dan il-għan għandhom jittieħdu l-passi msemmija fl-artikolu 24(2) tal-Att.".

Emenda fit-titolu tas-Seba' Skeda tal-Att prinċipali.

70. Fit-titolu tas-Seba' Skeda tal-Att prinċipali l-kelma "Deputat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Viċi".

Sostituzzjoni tal-Ħdax-il Skeda tal-Att prinċipali.

71. Il-Ħdax-il Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IL-ĦDAX-IL SKEDA
[Artikolu 37]

Reġjuni

Reġjun tat-Tramuntana	***Reġjun tal-Lvant***	***Reġjun tal-Punent***	***Reġjun tal-Port***	***Reġjun tan-Nofsinhar***	***Reġjun Għawdex***
Il-Mellieħa	Il-Gżira	L-Imdina (Ċittà Notabile)	Il-Belt Valletta (Ċittà Umilissima)	Ħal Qormi (Ċittà Pinto)	Ir-Rabat (Ċittà Victoria)

L-Imġarr	Pembroke	Is-Siġġiewi (Ċittà Ferdinand)	Il-Birgu (Ċittà Vittoriosa)	Iż-Żejtun (Ċittà Beland)	Il-Fontana
Il-Mosta	San Ġiljan	Ħaż-Żebbuġ (Ċittà Rohan)	L-Isla (Ċittà Invicta)	Birżebbuġa	Għajnsielem
In-Naxxar	L-Iklin	Ħad-Dingli	Bormla (Ċittà Cospicua)	Ħal Għaxaq	L-Għarb
San Pawl il-Baħar	Tas-Sliema	Ir-Rabat	Ħaż-Żabbar (Ċittà Hompesch)	Santa Venera	L-Għasri
Ħ'Attard	Is-Swieqi	Ħal Kirkop	Floriana	Marsaskala	Ta' Kerċem
Ħal Balzan	Ta' Xbiex	L-Imqabba	Il-Fgura	Marsaxlokk	Il-Munxar
San Ġwann	Ħal Għargħur	Il-Qrendi	Il-Kalkara	Santa Luċija	In-Nadur
L-Imtarfa	Ħal Lija	Ħal Safi	Ħal Tarxien	Il-Gudja	Il-Qala
	Birkirkara	Iż-Żurrieq	Paola	Il-Ħamrun	San Lawrenz
	L-Imsida		Ix-Xgħajra	Ħal Luqa	Ta' Sannat
	Tal-Pietà			Il-Marsa	Ix-Xagħra
					Ix-Xewkija
					Iż-Żebbuġ

".

72. Minnufih wara l-Ħdax-il Skeda tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu t-Tnax-il Skeda, it-Tlettax-il Skeda u l-Erbatax-il Skeda li ġejjin:

Żieda tat-Tnax, tat-Tlettax u tal-Erbatax-il Skeda mal-Att prinċipali.

"IT-TNAX-IL SKEDA
[Artikolu 82]

Protokoll għall-Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsillieri Lokali u President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Werrej:

1. Rispett lejn il-kariga tal-President tar-Reġjun u tal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali
2. Rispett lejn il-kariga tas-Sindku
3. Rispett lejn il-kariga ta' Kunsillier
4. Preċedenza f'attivitajiet u funzjonijiet fil-lokalità
5. Postijiet waqt laqgħat tal-Kunsill
6. Postijiet waqt laqgħat tal-Kunsill Reġjonali
7. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill
8. Attivitajiet formali li għalihom ikun mistieden il-President Reġjonali, is-Sindku jew Kunsillier

9. Attivitajiet Reliġjużi
10. Sehem f'Marċi
11. Diskorsi mill-President Reġjonali
12. Diskorsi mis-Sindku
13. Inviti uffiċjali lill-President Reġjonali, lill-membri tal-Kunsilli Reġjonali, lis-Sindku u lill-Kunsillieri
14. Delegazzjonijiet
15. Taħditiet uffiċjali ma' dinjitarji barranin
16. Għoti ta' Onorifiċenza ta' 'Ċittadin Onorarju'
17. Konferenzi Stampa
18. Ilbies tal-Insinja
19. Bnadar
20. L-Innu Malti

Appendiċi A

1. Rispett lejn il-kariga tal-President tar-Reġjun u tal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

1.1 F'dan il-Protokoll, kull referenza għall-President Reġjonali tapplika *mutatis mutandis* għall-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

1.2 Il-President tar-Reġjun hu l-ogħla awtorità fuq livell reġjonali. Dan ifisser li waqt il-laqgħat jew attivitajiet reġjonali l-kariga tal-President tar-Reġjuni hi ogħla minn dik ta' Sindku ta' lokalità. Hu għandu, għalhekk, igawdi mill-ogħla stima tal-membri tal-Kunsill Reġjonali.

1.3 Il-President tar-Reġjun għandu jiġi indirizzat bħala 'Sur President'. Fil-każ ta' mara għandha tissejjaħ 'Sinjura President' jew 'Sinjorina President' skont il-każ. Meta l-President tar-Reġjun ikun qed jikteb għan-nom tal-Kunsill Reġjonali dan għandu dejjem iġib il-kariga wara ismu, u meta jagħmel hekk ikun preżunt li dak li jkun qed jikkomunika tkun il-verżjoni uffiċjali tal-Kunsill Reġjonali u mhux xi opinjoni personali. F'każ li l-President tar-Reġjun ikun qed jesprimi opinjoni personali m'għandux iġib President Reġjonali wara ismu, iżda tista' ssir nota li tindika li hu jkun il-President tat-tali reġjun u li tali opinjoni riflessa tkun l-opinjoni personali tiegħu. Meta l-korrispondenza tkun waħda uffiċjali, din għandha ssir fuq il-*letter head* tal-Kunsill Reġjonali.

2. Rispett lejn il-kariga tas-Sindku

2.1 Is-Sindku hu l-ogħla awtorità ċivili fil-lokalità. Hu għandu, għalhekk, igawdi mill-ogħla stima taċ-ċittadini lokali kollha u dan peress li fil-vesti tiegħu ta' Sindku dan ikun responsabbli mill-operat kollu tal-Kunsill Lokali fl-interess tal-lokalità u r-residenti tagħha.

2.2 Is-Sindku għandu, kemm fil-każ ta' raġel kif ukoll fil-każ ta' mara, jiġi indirizzat bħala 'Rispettabbli Sindku'. Meta s-Sindku jkun qed jikteb għan-nom tal-Kunsill dan għandu dejjem iġib il-kariga wara ismu, u meta jagħmel hekk ikun preżunt li dak li jkun qed jikkomunika tkun il-verżjoni uffiċjali tal-Kunsill u mhux xi opinjoni personali. Meta jikteb fil-vesti personali, dan m'għandux iġib Sindku wara ismu, iżda tista' ssir nota li tindika li hu jkun is-Sindku tat-tali lokalità u li tali opinjoni riflessa tkun l-opinjoni personali tiegħu. Meta l-korrispondenza tkun waħda uffiċjali, din għandha ssir fuq il-*letter head* tal-Kunsill.

3. Rispett lejn il-kariga ta' Kunsillier

3.1 Il-Kunsillieri huma eletti mir-residenti tal-lokalità u għalhekk, għandhom jingħataw ir-rispett u stima li jixirqilhom bħala rappreżentanti eletti tal-poplu.

3.2 Il-Kunsillier għandu jiġi indirizzat bħala 'Sur Kunsillier' u fil-każ ta' Kunsilliera mara 'Sinjura Kunsilliera' jew 'Sinjorina Kunsilliera' skont il-każ.

3.3 Il-Protokoll tal-kunsilliera għandu dejjem ikun ikkunsidrat fl-ordni kif ġew eletti. Dan jinkludi wkoll materjal stampat.

4. Preċedenza f'attivitajiet u funzjonijiet fil-lokalità

4.1 Fil-lokalità s-Sindku għandu dejjem jingħata preċedenza fuq kull ċittadin ieħor.

4.2 Meta f'xi attività organizzata fil-lokalità jkun qed jattendi l-President tar-Repubblika, il-Prim Ministru, xi Ministru, Segretarju Parlamentari, membru tal-Korp Diplomatiku jew il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandu jintuża l-protokoll nazzjonali.

4.3 Meta f'xi attività organizzata fil-lokalità jkun qed jattendi l-President tar-Reġjun, dan għandu jpoġġi minnufih fejn is-Sindku.

4.4 Il-Kunsillieri għandhom ipoġġu dejjem fl-ordni li ġew eletti.

4.5 Meta attività fil-lokal tkun qed tiġi organizzata mill-Gvern

Ċentrali jew inkella tkun ta' statura nazzjonali, għandu jiġi applikat il-Protokoll tal-Gvern Ċentrali.

5. Postijiet waqt laqgħat tal-Kunsill

5.1 Waqt il-laqgħat tal-Kunsill is-Sindku għandu jpoġġi f'ras il-mejda. Il-Viċi Sindku għandu jpoġġi fuq in-naħa tal-lemin u s-Segretarju Eżekuttiv fuq in-naħa tax-xellug tas-Sindku.

5.2 Waqt laqgħat oħra li ma jkunux preseduti minnu, is-Sindku għandu jpoġġi fuq in-naħa tal-lemin ta' min ikun qed jippresiedi.

5.3 Waqt laqgħat fejn is-sieħeb tas-Sindku jkun mistieden, dan għandu jpoġġi fuq il-lemin tas-Sindku jew fuq ix-xellug ta' min ikun qed jippresiedi. Meta s-sieħeb tas-Sindku jkun preżenti waħdu, dan għandu jpoġġi fil-post allokat għas-Sindku.

5.4 Meta f'xi laqgħa mhux preseduta mis-Sindku jkun preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv, dan għandu jpoġġi fejn min ikun qed jippresiedi.

5.5 Meta s-Sindku ma jkunx jista', għal xi raġuni, jattendi xi laqgħa jew attività, għandu jattendi minfloku l-Viċi Sindku jew il-kunsillier li jkun responsabbli mill-materja skont is-suġġett u jekk lanqas dan ma jkun jista', għandu jmur il-kunsillier li jmiss skont il-preċedenza kif ġew eletti. Meta jattendi kunsillier minflok is-Sindku, dan għandu wkoll ipoġġi fil-post allokat għas-Sindku.

5.6 Sabiex jattendi kunsillier għal xi laqgħa jew li għaliha jkun ġie speċifikament mistieden mis-Sindku, dan għandu jingħata d-delega għal dan mingħand is-Sindku. Id-delega għandha ssir permezz tal-kitba u indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Għal dan il-għan għandha tintuża l-formula li tinsab fl-Appendiċi A ta' dan il-kodiċi.

5.7 Dan il-Protokoll ma japplikax biss għal seduti tal-Kunsilli Lokali.

6. Postijiet waqt laqgħat tal-Kunsill Reġjonali

6.1 Waqt il-laqgħat tal-Kunsill Reġjonali, il-President għandu jpoġġi f'ras il-mejda. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali għandu jpoġġi fuq in-naħa tax-xellug tas-Sindku.

6.2 Waqt laqgħat oħra li ma jkunux preseduti minnu, il-President tar-Reġjun għandu jpoġġi fuq in-naħa tal-lemin ta' min qed

jippresiedi.

6.3 Waqt laqgħat fejn is-sieħeb tal-President Reġjonali jkun mistieden, dan għandu jpoġġi fuq il-lemin tal-President jew fuq ix-xellug ta' min ikun qed jippresiedi.

6.4 Meta f'xi laqgħa mhux preseduta mill-President Reġjonali jkun preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv, dan għandu jpoġġi fejn min jippresiedi.

6.5 Sabiex jattendi membru tal-Kunsill Reġjonali għal xi laqgħa jew li għaliha jkun ġie speċifikament mistieden mill-President Reġjonali, dan għandu jingħata d-delega għal dan mingħand il-President Reġjonali. Id-delega għandha ssir permezz tal-kitba u indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Għal dan il-għan għandha tintuża l-formula li tinsab fl-Appendiċi A ta' dan il-kodiċi fejn il-kelma 'Sindku' tiġi sostitwita bil-kelma 'President Reġjonali'.

7. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill

7.1 Hu rakkomandat li għal kull attività organizzata mill-Kunsill għandha tiġi nominata persuna, li preferibbilment ma tkunx Kunsillier jew Segretarju Eżekuttiv, li sservi ta' ċerimonjier. Din il-persuna għandha tkun taf sew dan il-Kodiċi sabiex issegwi l-protokoll kif meħtieġ u tkun tista' tmexxi lill-membri tal-Kunsill u lill-mistednin.

7.2 Iċ-ċerimonjier għandu jara li kulħadd ipoġġi fil-post allokat lilu u dan għandu wkoll jilqa' hu stess jew jinnomina persuna biex tilqa' lis-Sindku u s-sieħeb tiegħu (jekk ikun qed jakkumpanja lis-Sindku) mal-wasla tagħhom għall-attività, u jakkumpanjahom sal-post allokat għalihom.

7.3 Iċ-ċerimonjier għandu jkun responsabbli għall-arranġamenti kollha, inkluż il-mument meta għandhom jittieħdu r-ritratti tal-okkażjoni, fejn għandhom joqogħdu l-fotografi u/jew *cameramen*, u l-arranġamenti loġistiċi l-oħra.

7.4 Waqt l-attivitajiet jew funzjonijiet formali (bħal pereżempju Jum il-Lokalità, iffirmar ta' Ġemellaġġ, eċċ), is-Sindku għandu jilbes l-insinja jew xi investitura oħra li bil-liġi tissimbolizza l-kariga uffiċjali ta' Sindku.

7.5 Jekk għal xi attività jew funzjoni organizzata mill-Kunsill tkun se tattendi xi persuna distinta (bħal pereżempju l-President ta' Malta, Prim Ministru, Ministru, Segretarju Parlamentari, xi

Ambaxxatur, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew il-President Reġjonali), il-persuna distinta għandha tpoġġi fejn is-Sindku. Il-persuna distinta għandha tiġi milqugħa fl-entratura mis-Sindku nnifsu u mhux miċ-ċerimonjier. Wieħed dejjem irid jiżgura li tiġi segwita l-ordni tal-Preċedenza Nazzjonali. Fil-każ li jkunu mistiedna numru ta' persuni distinti dawn għandhom jingħataw posthom skont l-ordni tal-Preċedenza Nazzjonali.

7.6 F'każ li għall-attività partikolari jkun preżenti kemm il-President ta' Malta kif ukoll il-Prim Ministru, is-Sindku għandu jpoġġi ħdejn il-Prim Ministru.

8. Attivitajiet formali li għalihom ikunu mistiedna l-President Reġjonali, is-Sindku jew Kunsillier

8.1 Meta l-President Reġjonali, is-Sindku jew kunsillier ikunu mistiedna għal xi attività formali organizzata fil-lokalità, dawn għandhom jiġu milqugħa fl-entratura u skortati sa posthom.

8.2 L-ilbies tal-insinja mis-Sindku jiddependi mill-importanza tal-okkażjoni, u din tintlibes biex tissimbolizza l-kariga uffiċjali tas-Sindku.

8.3 Jekk l-attività tkun ġewwa sala jew teatru, il-President Reġjonali jew is-Sindku għandhom ipoġġu fuq quddiem nett fuq in-naħa tal-lemin tas-sala jew teatru (meta wieħed iħares mill-entratura 'l ġewwa) fit-tarf mal-korsija tan-nofs. Il-kunsillieri għandhom ipoġġu ħdejn is-Sindku sakemm ma jkunx hemm persuni oħrajn eletti fil-Parlament jew Ambaxxaturi jew il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

8.4 Jekk l-attività tinkludi għoti ta' premjijiet, il-President Reġjonali jew is-Sindku għandhom jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fl-għoti tal-premjijiet, kif ukoll sabiex jagħmlu diskors żgħir tal-okkażjoni. Iżda jekk f'din l-okkażjoni jkun preżenti xi Ministru tal-Gvern, jew xi persuna distinta oħra, bħala mistieden tal-unur, il-premjijiet għandhom jingħataw kemm skont l-ordni ta' preċedenza, mis-Sindku kif ukoll mill-Ministru, u d-diskors tal-aħħar isir mill-Ministru jew il-persuna l-aktar distinta (bħal Ambaxxatur jew il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali).

8.5 Jekk il-President Reġjonali jew is-Sindku jkunu beħsiebhom jitilqu qabel it-tmiem tal-attività, is-Segretarju Eżekuttiv għandu fi żmien raġonevoli qabel l-attività jgħarraf lill-organizzaturi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu wkoll jinforma

lill-organizzaturi bl-attendenza tas-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsilleri għal kull attività u jindika l-preċedenza tagħhom.

8.6 Jekk għall-attività tkun mistiedna xi persuna distinta oħra minbarra l-President Reġjonali jew is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv għandu fi żmien raġonevoli qabel l-attività jinforma lill-organizzaturi u jindika l-preċedenza.

8.7 Fl-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali, il-Kunsillieri Lokali għandhom jingħataw preċedenza u jpoġġu fuq quddiem u dejjem fl-ordni li ġew eletti. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu fi żmien raġonevoli qabel l-attività jiġbor informazzjoni dwar l-attendenza tas-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillieri.

9. Attivitajiet Reliġjużi

9.1 Jekk il-kunsillieri jkunu mistiedna għal xi funzjoni reliġjuża li tkun se ssir ġewwa l-knisja (u anke jekk issir x'imkien ieħor), is-Sindku għandu jpoġġi fl-ewwel post viċin il-korsija tan-nofs fl-ewwel ringiela fuq in-naħa tal-lemin (meta wieħed iħares mill-entratura 'l ġewwa). Dan sakemm għal dik l-okkażjoni ma jattendux il-President ta' Malta u/jew il-Prim Ministru. Jekk ma jkunx hemm dinjitarji oħra, il-kunsillieri jpoġġu maġenb is-Sindku, bil-Viċi Sindku jkun l-ewwel wieħed li jpoġġi fejn is-Sindku u l-kunsillieri f'ordni ta' preċedenza skont kif ġew eletti.

9.2 Meta l-membri tal-Kunsill Reġjonali jkunu mistiedna għal xi funzjoni reliġjuża li tkun se ssir ġewwa l-knisja (u anke jekk issir x'imkien ieħor), il-President Reġjonali għandu jpoġġi fl-ewwel post viċin il-korsija tan-nofs fl-ewwel ringiela fuq in-naħa tal-lemin. L-istess jgħodd jekk ikun qed jattendi l-President Reġjonali. Jekk ikunu qed jattendu kemm il-President Reġjonali kif ukoll is-Sindku, is-Sindku jingħata preċedenza.

10. Sehem f'Marċi

10.1 Meta s-Sindku u l-kunsillieri jkunu qed jipparteċipaw f'xi marċ organizzat fil-lokalità biex jiġi ċċelebrat xi avveniment partikolari, dawn għandhom jimxu fuq quddiem. Is-Sindku għandu jkun fuq quddiem nett akkumpanjat mill-persuna inkarigata mill-attività (bħal pereżempju l-President tal-banda). Jekk għal din l-attività jkun mistieden ukoll il-President Reġjonali, dan għandu jimxi fejn is-Sindku. Il-kunsillieri jimxu wkoll fl-ordni kif ġew eletti.

10.2 Jekk fl-aħħar tal-marċ ikun se jsir diskors tal-okkażjoni, is-Sindku jista' jiġi mistieden jagħmel diskors qasir tal-okkażjoni. Jekk ikun qed jattendi wkoll il-President Reġjonali, dan ukoll għandu jiġi mistieden jagħmel diskors qasir tal-okkażjoni, u dan isir qabel dak tas-Sindku.

11. Diskorsi mill-President Reġjonali

Jekk il-President Reġjonali, li jkun se jattendi xi funzjoni, ikun mistieden jagħmel diskors, l-organizzaturi għandhom jinfurmaw b'dan meta jibagħtu l-invit b'nota jew ittra separata fejn għandhom ukoll jingħataw id-dettalji kollha rilevanti mal-attività, inkluż informazzjoni jew programm tal-attività, meta jkun mistenni jitkellem il-President Reġjonali, is-suġġett u t-tul mistenni tad-diskors.

12. Diskorsi mis-Sindku

12.1 Jekk is-Sindku, li jkun se jattendi xi funzjoni, ikun mistieden jagħmel diskors, l-organizzaturi għandhom jinfurmaw b'dan meta jibagħtu l-invit b'nota jew ittra separata fejn għandhom ukoll jingħataw id-dettalji kollha rilevanti mal-attività, inkluż informazzjoni jew programm tal-attività, meta jkun mistenni jitkellem is-Sindku, is-suġġett u t-tul mistenni tad-diskors.

12.2 Is-Sindku għandu jitkellem l-aħħar wieħed għajr meta jkun hemm indirizzi minn Segretarji Parlamentari, Ministri, Prim Ministru, Speaker tal-Parlament, Prim Imħallef u l-President ta' Malta.

13. Inviti uffiċjali lill-President Reġjonali, lill-membri tal-Kunsilli Reġjonali, lis-Sindku u lill-Kunsillieri

13.1 L-inviti uffiċjali lill-President Reġjonali, lill-membri tal-Kunsill Reġjonali, lis-Sindku u lill-kunsillieri għandhom isiru dejjem bil-kitba, fejn l-indirizz uffiċjali tal-organizzazzjoni jkun indikat fuq l-ittra li għandha takkumpanja l-invit.

13.2 Fl-ittra tal-istedina għandu jiġi indikat dan li ġej:

(a) id-data, il-ħin, u l-post tal-attività;

(b) programm tal-attività (jekk dan ma jkunx finalizzat għandu jintbagħat programm mhux finalizzat);

(ċ) indikazzjoni ta' jekk il-mistieden/mistiedna (waħdu/ waħidha jew mas-sieħeb/a tiegħu/tagħha) hux/hijiex mistenni/ja jagħmel/tagħmel xi funzjoni partikolari (bħal

tqassim ta' premjijiet);

(d) informazzjoni rilevanti oħra (bħal pereżempju informazzjoni dwar l-iskop tal-attività, kemm ilha ssir, eċċ);

(e) jekk il-President Reġjonali jew is-Sindku humiex mistennija jindirizzaw xi materja partikolari fid-diskorsi tagħhom;

(f) *dress code*, b'mod partikolari jekk ma jkunx mistenni lbies formali (bħal pereżempju jekk l-attività tkun se ssir fil-kampanja, attività tat-tfal, eċċ.);

(ġ) indikazzjoni dwar l-arranġamenti għall-parkeġġ.

13.3 L-organizzatur tal-attività għandu jassigura li l-President Reġjonali u s-sieħeb/a tiegħu jew is-Sindku u s-sieħeb/a tiegħu jiġu milqugħa fl-entratura tal-post tal-attività u wkoll jakkumpanjahom sal-post riservat għalihom. Dawn għandhom ukoll jiġu akkumpanjati sal-entratura fit-tmiem tal-attività jew meta dawn ikunu se jitilqu mill-attività.

13.4 Il-Kunsillieri wkoll għandhom jiġu milqugħa u jkollhom siġġu riservat skont il-preċedenza ta' kif ġew eletti.

13.5 Il-President Reġjonali u s-Sindku għandhom ipoġġu fuq in-naħa tal-lemin tal-persuna li tkun qed torganizza jew tippresiedi l-attività, jew inkella fl-ewwel siġġu tar-ringiela tan-naħa l-oħra u dan sakemm ma jkunx preżenti l-President ta' Malta jew il-Prim Ministru.

13.6 Jekk il-President Reġjonali jew is-Sindku jkunu indikaw, jew meta jkunu kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom jew meta jaslu, li ma jkunux se joqogħdu sal-aħħar tal-attività, l-organizzatur għandu javża b'dan lill-mistednin fejn jinfurmahom li l-President Reġjonali jew is-Sindku ma jistax joqgħod sal-aħħar tal-attività minħabba impenji oħra.

14. Delegazzjonijiet

14.1 Jekk il-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill ikunu qed jilqgħu xi delegazzjoni, l-arranġamenti kollha għandhom isiru mis-Segretarju Eżekuttiv jew minn xi uffiċjal ieħor maħtur minnu għal dan il-għan. Dan l-uffiċjal għandu jagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa u jżomm kuntatt mal-persuna jew uffiċjal li jkun responsabbli mid-delegazzjoni. L-arranġamenti għandhom jinkludu:

(a) programm ta' attivitajiet;

(b) informazzjoni rilevanti lill-President Reġjonali, membri tal-Kumitat Reġjonali jew lis-Sindku u l-kunsillieri dwar id-delegazzjoni, inkluża informazzjoni dwar drawwiet tal-pajjiż li minnu tkun ġejja d-delegazzjoni;

(ċ) arranġamenti speċjali jekk ikun meħtieġ (bħal ikel partikolari jew skont talbiet speċifiċi);

(d) arranġamenti minn qabel dwar bdil ta' rigali;

(e) arranġamenti dwar użu ta' bnadar;

(f) arranġamenti loġistiċi, trasport minn u lejn l-ajruport u għall-attivitajiet skont il-programm.

14.2 Il-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill Lokali għandu jiddeċiedi dwar mementos li għandhom jinxtraw biex jingħataw lil dinjitarji, delegazzjonijiet u viżitaturi uffiċjali. Dawn għandhom, kemm jista' jkun, ikunu simboli ta' monumenti jew strutturi storiċi fir-reġjun jew fil-lokalità, jew kotba dwar l-istorja jew il-kultura lokali jew reġjonali fejn b'mod ġenerali l-memento jkollu rabta partikolari mal-lokalità jew ir-reġjun skont il-każ.

14.3 Hu rakkomandat li l-Kunsill Reġjonali u l-Kunsill ikollhom "ktieb tal-viżitaturi" li fuqu jitpoġġew il-firma u l-kummenti ta' dinjitarji li jżuru l-uffiċini tal-Kunsill Reġjonali jew tal-Kunsill.

14.4 Il-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill huwa obbligat li jinforma lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin b'kull delegazzjoni barranija kemm għal skop ta' rekord kif ukoll sabiex jiġu evitati xi inċidenti diplomatiċi.

14.5 Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ikollu l-faċilità li jagħti parir u/jew direzzjoni lill-Kunsill Reġjonali u l-Kunsilli Lokali skont il-bżonn.

15. Taħditiet uffiċjali ma' dinjitarji barranin

15.1 Ikun hemm okkażjonijiet meta l-kuntatti bejn Kunsilli Reġjonali jew Kunsilli Lokali Maltin u dawk f'pajjiżi barranin iwasslu sabiex xi Kunsill Reġjonali jew Kunsill Lokali f'Malta mhux biss jospita delegazzjoni minn barra, iżda wkoll ikollu taħditiet mad-delegazzjoni barranija.

15.2 Il-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill għandu l-obbligu li jinforma

lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin b'kull delegazzjoni barranija kemm għal skop ta' rekord kif ukoll sabiex jiġu evitati inċidenti diplomatiċi. Dan għandu jservi wkoll sabiex jittieħdu l-pariri meħtieġa mid-Direttorat tal-Protokoll tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin dwar kif għandhom ikunu mmexxija dawn it-taħditiet, kemm mil-lat ta' protokoll kif ukoll dwar xi żviluppi li jkunu maħsuba u dan sabiex ma jsir xejn li jista' jkun jew kontra xi politika nazzjonali jew f'kunflitt ma' xi proġett, attività jew inizjattiva oħra nazzjonali.

16. Għoti ta' Onorifiċenza ta' 'Ċittadin Onorarju'

16.1 Il-Kunsill jista' jagħti għoti ta' rikonoxximent lil xi dinjitarju billi jagħtih it-titlu ta' 'Ċittadin Onorarju'. Dan iżda jrid isir b'ċerta kawtela.

16.2 Il-kriterji li l-Kunsill għandu jimxi magħhom fl-għoti ta' rikonoxximenti huma dawn li ġejjin:

(a) il-persuna trid tkun persuna ħajja;

(b) il-persuna trid tkun iddistingwiet ruħha permezz ta' attività li minnha bbenefikaw persuni oħra, jew li permezz tagħha sar xi żvilupp partikolari f'xi qasam, bħall-qasam ekonomiku, politiku, edukattiv, kulturali jew soċjali, sew fuq bażi lokali, nazzjonali jew internazzjonali;

(ċ) il-persuna magħżula trid tkun persuna li fil-ħajja tagħha tkun eżemplari;

(d) il-persuna magħżula ma jridx ikollha passat kriminali jew proċeduri kriminali għaddejjin kontriha;

(e) jekk il-persuna tkun barranija, irid jittieħed kont li l-għoti tal-ġieħ lil din il-persuna ma joħloq l-ebda inċident diplomatiku u għalhekk għandha tintalab direzzjoni mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

(f) jekk il-persuna tkun dinjitarju barrani, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin irid l-ewwel jagħti l-kunsens tiegħu. Jekk dan il-kunsens ma jingħatax, il-Ministeru għandu jagħti r-raġunijiet lill-Kunsill Lokali;

(ġ) il-ġieħ għandu jkun wieħed ta' titlu u ma jinkludix għoti ta' flus;

(h) il-Kunsill jirriserva d-dritt li jneħħi t-titlu li jkun ingħata

lil xi persuna partikolari jekk kemm-il darba din il-persuna tinsab ħatja ta' xi reat.

17. Konferenzi Stampa

17.1 Tista' tissejjaħ Konferenza Stampa biss jekk ikun hemm il-qbil tal-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill u dwar materja u punti maqbula mill-istess Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill. Hu importanti li l-Media tiġi mgħarrfa dwar id-data u l-ħin, kemm jista' jkun bil-quddiem fejn jingħataw informazzjoni dwar is-suġġett tal-Konferenza Stampa.

17.2 Il-post li fih tissejjaħ il-Konferenza Stampa jista' jkun l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill jew xi post ieħor sakemm dan ma jkunx bini tal-Gvern Ċentrali jew post privat. Jekk il-Konferenza Stampa tissejjaħ fl-uffiċini amministrattivi, hu importanti li:

(a) Ikun hemm *background* xieraq;

(b) Il-President tar-Reġjun jew is-Sindku jagħmel l-istqarrija uffiċjali u jekk ikun hemm mistoqsijiet jirrispondi hu sakemm ma jkunx hemm xi mistoqsija li l-President tar-Reġjun jew is-Sindku jagħżel li tingħata risposta għaliha minn xi membru jew uffiċjal ieħor;

(ċ) Jekk jitpoġġew bnadar wara l-kelliema, għandu jiġi osservat il-protokoll dwar il-bnadar;

(d) Jekk jitpoġġew bnadar fuq il-mejda, għandu jiġi osservat il-protokoll dwar il-bnadar;

(e) Minnufih wara li jispiċċa l-kelliem ewlieni jitqassmu kopji tal-istqarrija lill-istampa.

17.3 Sabiex il-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill jevita li jiġi mfittex għal malafama jew libell, dan għandu jassigura li l-kontenut tal-istqarrija ma jkollu l-ebda kliem malafamanti fil-konfront ta' xi individwu jew grupp ta' persuni u jekk isiru allegazzjonijiet jew ilmenti dwar xi attività, inizjattiva, proġett jew xi materja oħra, il-fatti li ssir riferenza għalihom ikunu veritieri.

17.4 Jekk il-Kunsilliera jkunu preżenti, dawn għandhom joqogħdu fl-ordni li ġew eletti.

18. Ilbies tal-Insinja

18.1 L-ilbies tal-insinja mis-Sindku hu regolat permezz tal-Avviż

Legali 160 tal-1993. L-ilbies tal-insinja jew xi investitura oħra kif mitlub mil-liġi għandu jsir fil-lokalità tas-Sindku biss. Din tista' biss tintlibes f'lokalitajiet oħra kull meta jkun hemm stedina mis-Sindku ta' dik il-lokalità.

18.2 L-insinja għandha tintlibes f'dawk l-okkażjonijiet formali, fosthom:

(a) jum il-lokalità;

(b) jekk ikun hemm żjara fil-lokalità minn xi dinjitarju (pereżempju l-President, il-Prim Ministru, Ministri, Segretarji Parlamentari, Ambaxxaturi u dinjitarji oħrajn;

(ċ) sindku ta' lokalità barranija, eċċ.

(d) iffirmar ta' ġemellaġġ (kemm f'Malta u kemm barra minn Malta);

(e) meta s-Sindku jkun qed jippresiedi żwiġijiet ċivili;

(f) f'okkażjonijiet statali kemm-il darba jiġi indikat li dan jista' jsir;

(g) f'lokalità f'pajjiż barrani kemm-il darba jkun hemm stedina uffiċjali mis-Sindku ta' dik il-belt jew raħal barrani;

(h) f'funzjonijiet uffiċjali meta jkun mistieden fil-vesti ta' Sindku għal xi funzjoni partikolari fil-lokalità (pereżempju tqassim ta' premjijiet tal-iskola, f'każini, eċċ.);

(i) fl-okkażjoni ta' devoluzzjoni (pereżempju l-iffirmar ta' devoluzzjoni tal-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika, librerija lokali, eċċ.).

18.3 L-insinja tibqa' l-proprjetà tal-Kunsill Lokali rispettiv tul iż-żmien tal-kariga, u matul dan il-perjodu din tkun fdata taħt il-ħarsien tas-Sindku. L-insinja għandha tintradd lura lis-Segretarju Eżekuttiv fi tmiem il-kariga tiegħu/tagħha ta' Sindku. F'każ li dan ma jseħħx, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex jiġbor lura l-insinja.

18.4 Ir-rużetta (il-*badge* tal-pavru), li hija wkoll parti mill-insinja, għandha tintlibes mis-Sindku fuq il-ġlekk b'mod regolari.

18.5 Qatt ma għandhom jintlibsu fl-istess ħin l-insinja prinċipali u r-

rużetta.

19. Bnadar

19.1 Fuq il-bejt jew mal-faċċata tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill Reġjonali jew tal-Kunsill għandu jkun hemm il-bandiera ta' Malta. Jekk il-Kunsill Reġjonali jew il-Kunsill ikollu aktar minn arblu wieħed jew mal-faċċata tal-bini tal-Kunsill Reġjonali jew tal-Kunsill jew quddiem l-uffiċini amministrattivi tal-istess Kunsill Reġjonali jew tal-Kunsill, il-bandiera ta' Malta trid dejjem tkun fuq ix-xellug, (meta l-persuna tkun qed tħares lejn il-bini) filwaqt li jekk ikun hemm il-bandiera tal-Unjoni Ewropea din trid tiġi fejn ta' Malta u mbagħad dik tal-lokalità.

19.2 Fl-iktar parti ċentrali tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali għandu jkun hemm tliet arbli ndaqs fil-qies bil-bnadar ta' Malta, Unjoni Ewropea u tal-Lokalità (f'każ ta' Kunsill Lokali). Dawn għandhom jitqiegħdu fl-ordni msemmija mix-xellug għal-lemin (meta persuna tkun qed tħares lejhom).

19.3 Il-bandiera ta' Malta għandha tkun imtella' bejn tlugħ ix-xemx u nżul ix-xemx fuq il-bini u fuq arbli li jkunu fil-miftuħ. Billejl tista' tiġi mtella' f'okkażjonijiet speċjali (bħal Jum il-Kunsill, il-Festa tar-Raħal, eċċ.) u f'dawn l-okkażjonijiet għandu jkun hemm dawl li jagħti fuqha. F'każ li jkun hemm iktar minn arblu wieħed, jistgħu jittellgħu wkoll il-bandiera tal-Unjoni Ewropea u dik tal-lokalità f'din l-ordni (mix-xellug għal-lemin – Malta – Unjoni Ewropea – Lokalità).

19.4 F'każ ta' arbli li jinstabu fi spazji pubbliċi (inkluż toroq) u li huma proprjetà tal-Kunsill Lokali, jekk ikun hemm arblu wieħed għandha tittella' l-bandiera tal-lokalità. F'każ ta' aktar minn arblu wieħed għandu japplika l-paragrafu 20.3 ta' dan il-Protokoll.

19.5 Meta l-bandiera ta' Malta tkun qed tinġarr fi proċessjoni u tkun ma' xi bandiera jew bnadar oħra, il-bandiera ta' Malta għandha tkun fuq il-lemin, skont kif ikun miexi l-marċ, u ċjoè n-naħa tal-lemin tal-bandiera l-oħra. Jekk tkun qed tinġarr f'linja, din għandha tkun fuq quddiem nett taċ-ċentru tal-linja.

19.6 Ebda bandiera fl-ebda ċirkostanza m'għandha tintuża bħala għata (bħal pereżempju f'ċerimonja ta' kxif ta' lapida jew għotja ta' mejda ta' konferenza).

19.7 Ebda bandiera m'għandha fl-ebda ċirkostanza titħalla tmiss

mal-art jew tintuża b'mod li jonqsilha bi kwalunkwe mod mir-rispett.

19.8 Ir-regoli kollha dwar l-użu tal-bandiera ta' Malta jistgħu jiġu miksuba minn fuq il-*webpage* tad-Dipartiment tal-Informazzjoni https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Pages/default.aspx.

20. L-Innu Malti

20.1 L-Innu Malti għandu jindaqq biss fil-preżenza tal-President ta' Malta u tal-Prim Ministru.

22.2 Jekk irid jindaqq l-Innu Malti f'xi okkażjoni oħra, irid ikun hemm esposta l-bandiera ta' Malta, u dawk preżenti jridu jħarsu lejn il-bandiera ta' Malta waqt li jindaqq l-Innu Malti. Jekk jindaqq xi innu ieħor, l-Innu Malti jrid dejjem jindaqq l-aħħar.

Appendiċi A

Delega mis-Sindku/President tar-Reġjun

Illum …….....

Permezz ta' dan, qiegħed hawn niddelega lil …….....……. (isem), li għandu/ha l-kariga ta' ….....…...…… fil-Kunsill Reġjonali/Kunsill Lokali ……..…… sabiex jaġixxi minfloki fl-attività ……..……. li se ssir nhar ……..……u dan peress li f'din l-okkażjoni ma nistax naġixxi.

TIMBRU UFFIĊJALI

(*isem u kunjom*)

President Reġjonali/Sindku

Kunsill Reġjonali/Kunsill Lokali …….....……

A 562

IT-TLETTAX-IL SKEDA
[Artikolu 83]

Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti fil-Kunsilli Lokali

TQASSIM TAL-KODIĊI

Taqsima I - Għan u Prinċipji Ġenerali

Artikolu
1. Għan tal-Kodiċi
2. Tifsir
3. Prinċipji Ġenerali
4. Oġġettivi tat-twettiq tal-mandat
5. Ostakoli għat-twettiq tal-mandat

Taqsima II - Obbligazzjonijiet Speċifiċi

Artikolu
6. Kampanji Elettorali
7. Favoritiżmu
8. Eżerċitar ta' awtorità għall-vantaġġ personali
9. Attendenza u parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Gvern Lokali u kontribuzzjoni għat-twettiq tal-għanijiet stabbiliti
10. Assoċjazzjoni
11. Kunflitt ta' interess
12. Limitu fuq okkupazzjoni ta' karigi
13. Tħaddim ta' poteri diskrezzjonali
14. Korruzzjoni
15. Osservanza dwar dixxiplina finanzjarja dwar stima ta' nefqa
16. Użu ta' informazzjoni miksuba
17. Aġir għan-nom ta' Gvern Lokali
18. Salvagwardar ta' ċerti karigi

Taqsima III - Mezz ta' Superviżjoni

Artikolu
19. Użu ta' faċilitajiet u għodda tal-Gvern Lokali
20. Xiri

Taqsima IV - Relazzjonijiet bejn Rappreżentanti Eletti, Staff tal-Gvern Lokali, Pubbliku u Entitajiet Oħra

Artikolu
21. Pubblikar u għoti ta' raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda
22. Ħatriet
23. Rispett lejn il-kariga tal-istaff tal-Gvern Lokali
24. Rispett lejn il-kollegi tar-rappreżentanti eletti, l-istaff u l-pubbliku

25. Relazzjonijiet mal-entitajiet kostitwiti u l-Membri tal-Parlament

TAQSIMA V - Dmirijiet tal-Presidenti Reġjonali, tas-Sindki u taċ-*Chairpersons* tal-Kumitati Amministrattivi

Artikolu
26. Il-Presidenti Reġjonali, is-Sindki u ċ-*Chairpersons* tal-Kumitati Amministrattivi għandhom jassumu r-responsabbilità ta' għemilhom u tal-Gvern Lokali

TAQSIMA VI - Relazzjonijiet mal-*Media*

Artikolu
27. Relazzjonijiet mal-*Media*

TAQSIMA VII- Azzjoni fil-konfront ta' Ksur tal-Kodiċi

Artikolu
28. Azzjoni fil-konfront ta' min jikser il-Kodiċi

TAQSIMA VIII - Informazzjoni, Tqassim ta' Informazzjoni u Żieda fl-Għarfien

Artikolu
29. Tqassim tal-Kodiċi lir-rappreżentanti eletti
30. Tqassim tal-Kodiċi lill-pubbliku, staff tal-Gvern Lokali u l-*Media*

TAQSIMA I - Għan u Prinċipji Ġenerali

Artikolu 1 - Għan tal-Kodiċi

L-għan ta' dan il-Kodiċi hu li jispeċifika l-livelli ta' mġiba mistennija mir-rappreżentanti eletti fil-livelli kollha tal-Gvern Lokali fil-qadi ta' dmirijiethom u li jinforma liċ-ċittadini bil-livell ta' mġiba li huma għandhom jistennew bi dritt mingħand ir-rappreżentanti eletti biex jirrappreżentawhom fuq livell ta' gvern lokali.

Artikolu 2 - Tifsir

F'dan il-Kodiċi, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"Gvern Lokali" tfisser il-livelli kollha ta' Gvern Lokali mwaqqfa b'mod statutorju fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, li jinkludu l-livelli kemm reġjonali kif ukoll lokali, inklużi l-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet;

"Kandidat" tfisser kemm kandidat għal elezzjonijiet reġjonali, elezzjonijiet lokali kif ukoll l-elezzjoniijet għall-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet;

"President Reġjonali" tfisser il-membru li jkun elett permezz ta' elezzjoni biex jirrappreżenta r-Reġjun;

"Rappreżentant elett" tfisser il-membru elett fuq livelli reġjonali jew lokali, jew fil-Kumitat Amministrattiv għal Komunitajiet;

"Reġjun" tfisser wieħed mill-ħames Reġjuni kif stabbiliti fl-Att.

Artikolu 3 - Prinċipji Ġenerali

Ir-rappreżentanti eletti għandhom il-kariga tagħhom stabbilita bil-liġi u għandhom jaġixxu skont il-liġi l-ħin kollu.

Waqt li jwettqu d-dmirijiet tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom iservu l-interess taċ-ċittadini u mhux l-interess personali dirett jew indirett tagħhom jew l-interess privat ta' individwi jew gruppi ta' individwi bl-għan li jiksbu benefiċċji personali diretti jew indiretti minn għandhom.

Artikolu 4 - Oġġettivi tat-twettiq tal-mandat

Ir-rappreżentanti eletti għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'reqqa, bla ħabi, b'integrità, b'onestà, b'ġustizzja, b'kuxjenza, u bi ħrara li jkunu responsabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom.

Artikolu 5 - Ostakoli għat-twettiq tal-mandat

Fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom jirrispettaw il-poter u l-prerogattivi tar-rappreżentanti l-oħra li ġew eletti b'mod demokratiku kif ukoll l-impjegati kollha tal-Gvern Lokali kif ukoll dawk fis-settur pubbliku.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom jinkoraġġixxu jew jgħinu kull rappreżentant politiku ieħor jew xi impjegat jew xi uffiċjal pubbliku biex jikser il-prinċipji stabbiliti f'dan il-Kodiċi.

Bl-istess mod, ir-rappreżentanti eletti għandhom joqogħdu lura milli jħallu lilhom infushom jiġu influwenzati minn terzi biex ma jagħmlux dak li hu mistenni minnhom, u jekk jiġu avviċinati biex jagħmlu dan għandhom minnufih jirrappurtaw il-każ lill-President Reġjonali, lis-Sindku jew liċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv skont il-każ.

TAQSIMA II - Obbligazzjonijiet Speċifiċi

Artikolu 6 - Kampanji Elettorali

Il-kampanji elettorali organizzati mill-kandidati prospettivi għandhom ikunu mezz ta' informazzjoni u spjegazzjoni dwar il-programmi politiċi tagħhom.

Il-kandidati prospettivi m'għandhomx ifittxu li jakkwistaw voti għajr bil-persważjoni, argumentazzjoni u diskussjoni. B'mod partikulari, huma m'għandhomx jippruvaw jiksbu voti billi jirrikorru għal argument malafamanti dwar kandidati oħra, bl-użu ta' vjolenza u/jew theddid jew billi jagħmlu jew iwegħdu favuri.

Il-kandidati prospettivi għandhom iżommu n-nefqiet għal kampanji elettorali b'mod xieraq u skont il-limiti stabbiliti bil-liġi. Huma għandhom jimxu b'mod għaqli mad-dispożizzjonijiet tal-liġi li teħtieġ li dawn jiddikjaraw b'mod pubbliku s-sors u l-ammont tad-dħul li jkunu allokaw għall-kampanja elettorali tagħhom u n-natura u l-ammont tal-infiq tagħhom għandu jsir magħruf għall-informazzjoni tal-pubbliku.

Artikolu 7 - Favoritiżmu

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx iwettqu l-funzjonijiet tagħhom jew jużaw il-benefiċċju tal-kariga tagħhom fl-interess privat ta' individwi jew ta' gruppi ta' individwi, bl-għan li jakkwistaw b'mod dirett jew indirett xi benefiċċju għalihom infushom.

B'mod partikolari, ir-rappreżentanti eletti għandhom jaġixxu f'kull ħin waqt l-operat tagħhom fl-interess tal-lokalità kollha u tal-komunità.

Artikolu 8 - Eżerċitar ta' awtorità għall-vantaġġ personali

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx iwettqu l-funzjonijiet tagħhom jew jużaw il-benefiċċju tal-kariga tagħhom biex iġibu 'l quddiem l-interessi privati jew personali tagħhom sew jekk b'mod dirett jew indirett.

Artikolu 9 - Attendenza u parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Gvern Lokali u kontribuzzjoni għat-twettiq tal-għanijiet kif stabbiliti

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jiddedikaw ħin u attenzjoni għax-

xogħol tal-Gvern Lokali tagħhom kif ukoll jattendu għal-laqgħat kollha tal-Gvern Lokali. Jekk ir-rappreżentant elett ma jkunx jista' jattendi xi waħda minn dawn il-laqgħat għal raġuni ġustifikata, dan għandu javża lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aktar fis possibbli dwar l-inabilità tiegħu li jattendi.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod għaqli, b'imparzjalità u b'kuxjenza, u mill-aħjar li jistgħu.

Artikolu 10 - Assoċjazzjoni

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jevitaw il-periklu ta' assoċjazzjoni ma' organizzazzjonijiet li l-għanijiet tagħhom ikunu f'kunflitt ma' dawk tal-Gvern Lokali.

Huma għandhom joqogħdu lura minn imġiba li tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni u lill-fama tal-kariga jew ta' rappreżentanti eletti oħrajn, jew jagħmlu xi ħaġa jew jassoċjaw lilhom infushom ma' organizzazzjonijiet li jistgħu jimplikaw lilhom u lill-Gvern Lokali tagħhom u/jew lokalità f'għajb.

Artikolu 11 - Kunflitt ta' interess

Ir-rappreżentanti eletti għandhom joqogħdu lura minn kull diskussjoni jew vot f'xi kwistjoni li fiha huma għandhom xi interess personali dirett jew indirett.

Meta rappreżentanti eletti jkollhom interess personali dirett jew indirett f'materji li jkunu qed jiġu diskussi mill-Gvern Lokali li tiegħu huma membri, jew minn xi kumitati jew sottokumitati tiegħu, huma għandhom jobbligaw ruħhom li juru x'inhuma l-interessi tagħhom qabel ma jsiru d-diskussjonijiet u jittieħed il-vot.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx ikollhom interessi (minbarra sigurtajiet f'kumpanniji pubbliċi) jew ikollhom xi kuntratt personali jew ftehim ma' min jissupplixxi jew kuntratturi tal-Gvern Lokali.

Meta jieħdu l-kariga, jew kull meta jkun meħtieġ, ir-rappreżentanti eletti għandhom jiddikjaraw bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Gvern Lokali, kull kariga ta' tmexxija, sħubija jew interess f'kull xogħol li fih ikunu ingaġġati sakemm dan l-ingaġġ ma jkunx relatat ma' kumpanniji pubbliċi jew kienu nominati għall-kariga ta' tmexxija sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-Gvern.

Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mitluba mis-Segretarju Eżekuttiv kull sena u għandha tinżamm biss mis-Segretarju Eżekuttiv.

Artikolu 12 - Limitu fuq okkupazzjoni ta' karigi

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx ikollhom karigi politiċi jew jieħdu sehem f'attivitajiet simili meta dawn itellfuhom mit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom bħala rappreżentanti eletti, jew ikunu inkompatibbli mal-ġurament tal-kariga tagħhom.

Lanqas m'għandhom ikollhom dmirijiet, mandati magħżula, okkupazzjonijiet jew karigi uffiċjali li jinvolvu superviżjoni tal-funzjonijiet tagħhom bħala rappreżentanti eletti jew dawk li huma fid-dmirijiethom li josservaw fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti eletti.

Ir-rappreżentanti eletti huma obbligati li jinfurmaw lill-Gvern Lokali jekk ikun fi ħsiebhom li jikkontestaw l-Elezzjonijiet Ġenerali jew l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew hekk kif jiġu uffiċjalment aċċettati mill-Partit Politiku li għalih huma jkunu ser jikkontestaw jew qabel ma jissottomettu l-kandidatura tagħhom mal-Kummissjoni Elettorali jekk ikunu ser jikkontestaw bħala kandidati independenti.

Artikolu 13 - Tħaddim ta' poteri diskrezzjonali

Fit-tħaddim tas-setgħat diskrezzjonali tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom jibqgħu imparzjali f'kull waqt sabiex jiżguraw li l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet ikunu bbażati fuq il-konsiderazzjoni sħiħa u imparzjali tal-fatti u ċ-ċirkostanzi relatati.

Għal kull deċiżjoni li tittieħed għandhom jingħataw raġunijiet dettaljati, li jispeċifikaw il-fatturi kollha li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni, b'mod partikolari r-regoli rilevanti, u li juru kif id-deċiżjonijiet meħuda jaqblu ma' dawk ir-regoli. Qabel ma jieħu deċiżjoni r-rappreżentant elett għandu jagħti kas tal-pariri dwar il-materja rilevanti mogħtija lill-Gvern Lokali mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fin-nuqqas ta' regoli u obbligi, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni meħuda għandhom jinkludu elementi li juru l-proporzjonalità, is-sewwa u l-konformità mal-interess pubbliku.

Artikolu 14 - Korruzzjoni

Waqt il-qadi ta' dmirijiethom, ir-rappreżentanti eletti għandhom joqogħdu lura minn kull att li hu meqjus, taħt il-liġi kriminali Maltija jew internazzjonali, bħala korruzzjoni attiva jew passiva.

Barra minn hekk, ir-rappreżentanti eletti għandhom id-dmir li jirrifjutaw b'mod totali u immedjat kull attentat ta' din ix-xorta u li jagħmlu rapport bil-miktub mingħajr dewmien lill-kap politiku tal-Gvern Lokali dwar pressjoni u influwenza bla bżonn li jistgħu jkunu qed jiġu eżerċitati mill-persuni jew korpi, u l-kap huwa fid-dmir li

jirrapporta lill-membri tal-Gvern Lokali kif xieraq.

Ir-rappreżentanti eletti, in-nisa jew l-irġiel tagħhom jew it-tfal (inklużi dawk minuri) m'għandhomx jaċċettaw kummissjonijiet, għotjiet, rigali, servizzi, jew kumpens minn persuni, kumpaniji u minn organizzazzjonijiet li jkollhom relazzjoni ta' xogħol mal-Gvern Lokali li tista' tiġi meqjusa li toħloq xi obbligazzjoni reali jew immaġinarja.

Artikolu 15 - Osservanza dwar dixxiplina finanzjarja dwar stima ta' nefqa

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jintrabtu li josservaw id-dixxiplina li għandha x'taqsam mal-istima ta' nefqa u ma' finanzi oħra sabiex jiggarantixxu l-immaniġġar kif suppost tal-fondi pubbliċi kif stabbilit fil-liġi dwar il-Kunsilli Lokali u r-regolamenti oħra stabbiliti b'din l-istess liġi.

Fit-twettiq tal-obbligi tagħhom, ir-rappreżentanti eletti m'għandhom jagħmlu l-ebda ħaġa li twassal għal użu ħażin ta' fondi pubbliċi u/jew għotjiet. Huma m'għandhom jagħmlu xejn li jista' jwassal sabiex il-fondi pubbliċi u/jew għotjiet jiġu użati għall-ħtiġijiet personali kemm dawk diretti kif ukoll indiretti.

Artikolu 16 - Użu ta' informazzjoni miksuba

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jieħdu vantaġġ jew jibbenefikaw minn informazzjoni li tkun miksuba matul il-qadi tad-dmirijiet uffiċjali u r-responsabbiltajiet tagħhom u li l-pubbliku ma jkollux aċċess għaliha.

Huma għandhom jagħtu biss informazzjoni uffiċjali jew dokumenti li jkunu miksuba matul iż-żmien tal-kariga tagħhom meta skont il-liġi dan ikun meħtieġ, fil-qadi ta' dmirijiethom, meta msejħa biex jixhdu fil-qorti, jew meta jkun hemm ordni leġittima f'dan ir-rigward.

Artikolu 17 - Aġir għan-nom ta' Gvern Lokali

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jagħtu ordnijiet, istruzzjonijiet jew direttivi għan-nom, jew b'rappreżentazzjoni tal-Gvern Lokali tagħhom sakemm ma jkunux awtorizzati li jagħmlu dan mill-Gvern Lokali tagħhom u dawn l-ordnijiet, istruzzjonijiet jew direttivi għandhom jinħarġu biss b'mod formali mis-Sindku jew il-President Reġjonali jew iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv (jew fin-nuqqas tagħhom mill-Viċi Sindku jew rappreżentant awtorizzat tal-President Reġjonali jew iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv) jew mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Gvern Lokali ħlief għal ordnijiet ta'

xogħol u/jew ordnijiet ta' kisba ta' servizzi li għandhom jinħarġu biss taħt l-awtorità tas-Segretarju Eżekuttiv.

Artikolu 18 - Salvagwardar ta' ċerti karigi

Fil-qadi ta' dmirijiethom, ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jieħdu miżuri li jippermettulhom li jkollhom vantaġġ personali fil-futur meta ma jibqgħux fil-kariga tagħhom:

– f'entitajiet privati li fuqhom kienu jeżerċitaw spezzjoni waqt il-qadi ta'dmirijiethom

– f'entitajiet privati li magħhom ikunu stabbilixxew relazzjoni kuntrattwali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

TAQSIMA III - Mezz ta' Superviżjoni

Artikolu 19 - Użu ta' faċilitajiet u għodda tal-Gvern Lokali

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jaraw li l-użu ta' kull riżors jew għodda tal-Gvern Lokali jkunu użati b'mod kuxjenzjuż u bil-għaqal u għaldaqstant m'għandhomx jippermettu li dawn jiġu abbużati minn oħrajn.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jużaw b'mod dirett jew indirett, jew jippermettu l-użu ta' kull proprjetà tal-gvern lokali jew uffiċċji amministrattivi għal attivitajiet politiċi jew kull attività li mhix approvata minn, jew li tkun f'kunflitt mal-interessi tal-Gvern Lokali. Barra minn hekk huma għandhom jaraw li l-fondi tal-Gvern Lokali u/jew riżorsi oħra ma jkunux użati għal għanijiet partiġjani.

Artikolu 20 - Xiri

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jiżguraw li fit-tfassil tad-dokumentazzjoni tal-offerti u fl-ippjanar tal-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet ta' xiri ta' oġġetti jew servizzi kif ukoll fl-aġġudikar tal-offerti, il-Gvern Lokali għandu jikseb l-aħjar offerta bl-iktar valur għall-flus, u dan peress li l-ispejjeż tal-Gvern Lokali ser jittieħdu mill-fondi pubbliċi u ser jintefqu u jiġu awtorizzati biss bil-manjiera u l-proċedura li huma permessi mil-liġi u r-regolamenti relatati.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jaraw li l-ogħla livell ta' kontabbiltà u trasparenza possibbli jkun rifless f'kull proċess li fih jiġi deċiż ix-xiri.

TAQSIMA IV - Relazzjonijiet bejn Rappreżentanti Eletti, Staff tal-Gvern Lokali, Pubbliku u Entitajiet Oħra

Artikolu 21 - Pubblikar u għoti ta' raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda

Matul il-mandat tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom jimxu b'mod responsabbli mal-pubbliku.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jagħtu r-raġunijiet dettaljati għal kull deċiżjoni li tittieħed minnhom, jispeċifikaw il-fatturi kollha li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni, b'mod partikolari r-regoli rilevanti, u juru kif id-deċiżjoni meħuda taqbel ma' dawk ir-regoli u r-regolamenti.

Meta l-informazzjoni tkun kunfidenzjali, ir-raġunijiet li jwasslu għal dik il-kunfidenzjalità għandhom jiġu spjegati.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom iwieġbu bl-attenzjoni għal kull talba mill-pubbliku li għandha x'taqsam mat-twettiq ta' dmirijiethom, u jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet li jieħdu.

Huma għandhom iħeġġu u jinkoraġġixxu kull miżura li twassal għat-trasparenza dwar l-awtorità tagħhom, it-tħaddim tal-awtorità tagħhom u t-twettiq tas-servizzi mogħtija mill-Gvern Lokali tagħhom.

Artikolu 22 - Ħatriet

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jobbligaw ruħhom li ma jħallux kull ħatra ta' staff amministrattiv li jkun ibbażat fuq prinċipji li ma jinkludux l-għarfien tal-mertu u l-kapaċitajiet professjonali u, jew għanijiet li mhumiex il-ħtiġijiet tal-Gvern Lokali.

F'każijiet ta' ħatra ta' impjegati jew promozzjonijiet, ir-rappreżentanti eletti għandhom jieħdu deċiżjoni oġġettiva u raġunata, li tirrifletti attenzjoni.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhom jitolbu għall-ebda persuna xi kariga fil-Gvern Lokali tagħhom jew jagħmlu r-rakkomandazzjoni ta' persuna għat-tali ħatra jew promozzjoni.

Artikolu 23 - Rispett lejn il-kariga tal-istaff tal-Gvern Lokali

Fit-twettiq tal-funzjoni tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom juru rispett għall-kariga tal-istaff tal-Gvern Lokali, mingħajr preġudizzju għat-twettiq leġittimu tal-awtorità li huma jkollhom.

Huma m'għandhomx jistaqsu jew jitolbu lill-istaff tal-Gvern Lokali biex jieħdu jew iħallu barra miżuri tali li jagħtu lilhom infushom vantaġġ dirett jew indirett jew xi vantaġġ ieħor lil xi individwi jew gruppi ta' individwi bl-għan li jakkwistaw xi benefiċċju personali għalihom minn dan is-sors b'mod dirett jew indirett.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jagħmlu allegazzjonijiet li mhux xierqa u derogatorji (sakemm ma jkollhomx prova biżżejjed ta' dan) u għandhom iżommu lura minn kull forma ta' mġiba li tista' tikkawża lil xi membru tal-istaff offiżi jew konfondiment bla bżonn.

Artikolu 24 - Rispett lejn il-kollegi tar-rappreżentanti eletti, l-istaff u l-pubbliku

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx idejqu jew jiddiskriminaw abbażi ta' sess, status taż-żwieġ, tqala, età, razza, lewn, nazzjonalità, diżabilità fiżika jew mentali, preferenza sesswali jew konvinzjonijiet reliġjużi, politiċi u oħrajn jew alleanzi fejn jidħlu relazzjonijiet mal-kollegi tagħhom, l-istaff tal-Gvern Lokali jew membri tal-pubbliku.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom ikollhom x'jaqsmu mal-pubbliku b'mod ġust, imparzjali u b'mod mhux partiġjan.

Huma għandhom jirrispettaw l-opinjoni tal-kollegi tagħhom u fir-relazzjonijiet tagħhom għandhom iżommu l-ogħla livelli ta' rispett. Matul il-laqgħat tal-Gvern Lokali huma għandhom jużaw lingwaġġ xieraq u jaddottaw attitudini kostruttiva u rikonċiljatorja waqt id-diskussjonijiet filwaqt li jimxu mad-dispożizzjonijiet tal-Ordni tax-Xogħol.

Artikolu 25 - Relazzjonijiet mal-entitajiet kostitwiti u l-Membri tal-Parlament

Ir-rappreżentanti eletti għandhom iżommu relazzjonijiet kordjali mal-entitajiet kostitwiti kollha fil-lokalità tagħhom.

Huma għandhom jikkollaboraw ukoll mal-Membri tal-Parlament u jirrispettaw ix-xogħol ta' xulxin.

TAQSIMA V - Dmirijiet tal-Presidenti Reġjonali, tas-Sindki u taċ-*Chairpersons* tal-Kumitati Amministrattivi

Artikolu 26 - Il-Presidenti Reġjonali, is-Sindki u ċ-Chairpersons tal-Kumitati Amministrattivi għandhom jassumu r-responsabbiltà ta' għemilhom u tal-Gvern Lokali

Il-Presidenti Reġjonali, is-Sindki u l-Presidenti tal-Kumitati Amministrattivi għandhom jagħtu eżempju fil-qadi tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom u għandhom jevitaw kull azzjoni jew sitwazzjoni li tkun inkonsistenti mad-dmirijiet tagħhom.

Huma għandhom jaġixxu skont il-politika u r-riżoluzzjonijiet approvati mill-Gvern Lokali tagħhom u huma mistennija jassumu r-responsabbiltà tal-azzjonijiet tal-Gvern Lokali.

TAQSIMA VI – Relazzjonijiet mal-*Media*

Artikolu 27 - Relazzjonijiet mal-media

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jaġixxu b'mod għaqli, onest u b'mod komplut ma' kull talba mill-*media* għal informazzjoni li tikkonċerna l-għemil ta' dmirijiethom, iżda m'għandhomx jagħtu informazzjoni kunfidenzjali jew informazzjoni li tirrigwarda l-ħajja privata tar-rappreżentanti eletti jew terzi persuni.

Huma għandhom jinkoraġġixxu u jmexxu 'l quddiem kull miżura li tinkoraġġixxi lill-*media* biex tagħti informazzjoni fuq il-poteri tagħhom, it-twettiq ta' dmirijiethom u s-servizzi mogħtija mill-Gvern Lokali li tiegħu huma membri.

TAQSIMA VII - Azzjoni fil-konfront ta' Ksur tal-Kodiċi

Artikolu 28 - Azzjoni fil-konfront ta' min jikser il-Kodiċi

Il-ksur tal-Kodici ta' Etika għandu jiġi trattat mill-Bord ta' Gvernanza Lokali li jitwaqqaf fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-Bord ikollu d-dritt li fejn isib li kien hemm ksur tal-etika jagħti dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha li jidhirlu opportun lid-Dipartiment sabiex jaġixxi fuqhom.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jkollu d-dritt li jippubblika l-ismijiet ta' dawk il-membri tal-Gvern Lokali li ripetutament jiksru l-Kodiċi ta' Etika kif ukoll li jagħmel kull sanzjoni oħra li tippermettilu l-liġi fil-konfront tal-istess persuni.

TAQSIMA VIII - Informazzjoni, Tqassim ta' Informazzjoni u Żieda fl-Għarfien

Artikolu 29 - Tqassim tal-kodiċi lir-rappreżentanti eletti

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jiżguraw li huma qraw u fehmu d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-kodiċi u għandhom jiddikjaraw li huma lesti li jkunu ggwidati mid-dispożizzjonijiet tal-kodiċi.

Artikolu 30 - Tqassim tal-kodiċi lill-pubbliku, staff *tal-Gvern Lokali u l-Media*

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jinkoraġġixxu u jippromwovu kull miżura li tadotta t-tqassim ta' dan il-kodiċi lill-istaff tal-Gvern Lokali, il-pubbliku u l-*media*, u li żżid l-għarfien ta' dawk il-persuni dwar il-prinċipji inklużi fih.

L-ERBATAX-IL SKEDA
[Artikolu 33B]
Responsabbiltajiet tal-Kunsillieri

Lista ta' Responsabbiltajiet


L-Indafa
L-Ambjent
Iż-Żgħażagħ u Tfal
Sports u Attivitajiet Fiżiċi
L-Innovazzjoni
L-Infrastruttura
Proġetti
L-Anzjani
L-Edukazzjoni
Il-Kultura
Komunitajiet
Il-Qasam Soċjali
L-Integrazzjoni Soċjali
Il-Ħarsien tal-Annimali

".


A 574

"ANNESS

14. Birkirkara




51. Ħal Safi


51. SAFI
Local Council Boundary
The arrowheads indicate the council responsible for the section of road through which the boundary is passing
Arterial and Distributor Roads
Areas excluded from the responsibility of Local Council

A 576

58. Santa Venera



67. Iż-Żurrieq



".

Emenda fl-Iskeda tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291.

73. Fl-Iskeda tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, minnufih wara l-kliem "Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi, L.S. 315.04" għandu jiżdied dan li ġej:

"Regolamenti dwar il-Kontroll
tat-Tipjip f'Vetturi Privati L.S. 315.11".

A 578

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 223 tas-17 ta' April, 2019.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati